

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/945

tat-12 ta' Marzu 2019

dwar sistemi ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord u dwar operaturi ta' sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord minn pajjiżi terzi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 58 u 61 tiegħu,

Billi:

- (1) Is-sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord ("UAS") li t-tħaddim tagħhom jippreżenta l-anqas riskji u li jappartjenu għall-kategorija "miftuħa" tal-operazzjonijiet jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal proċeduri ajrunawtiċi klassiċi ta' konformità. Il-possibbiltà li tiġi stabbilita leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-armonizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 6 tal-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) 2018/1139 jenħtieġ li tintuża għal dawk l-UAS. Konsegwentement, hemm bżonn li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti li jindirizzaw ir-riskji rappreżentati mit-tħaddim ta' dawk l-UAS, b'kunsiderazzjoni sħiħa ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni oħra applikabbli.
- (2) Dawn ir-rekwiżiti jenħtieġ li jkopru r-rekwiżiti essenzjali previsti fl-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) 2018/1139, b'mod partikolari rigward il-karatteristiċi u l-funzjonalitajiet speċifiċi neċessarji biex jiġu mitigati r-riskji relatati mas-sikurezza tat-titjira, mal-privatezza, u mal-protezzjoni ta' data personali, tas-sigurtà jew tal-ambjent, li jirriżultaw mit-tħaddim ta' dawn l-UAS.
- (3) Meta l-manifatturi jqiegħdu UAS fis-suq bl-intenzjoni li jqiegħduha għad-dispożizzjoni tal-operazzjonijiet fil-kategorija "miftuħa" u, għaldaqstant, iwaħħlu tikketta ta' identifikazzjoni tal-klassi fuqha, jenħtieġ li dawn jiżguraw konformità tal-UAS mar-rekwiżiti ta' dik il-klassi.
- (4) Fid-dawl tal-livell tajjeb ta' sikurezza li nkiseb mill-mudelli tal-inġenji tal-ajru diġà disponibbli fis-suq, huwa xieraq li tinħoloq il-klassi C4 tal-UAS li jenħtieġ li ma tkunx soġġetta għal rekwiżiti tekniċi sproporzjonati għall-operaturi tal-mudelli tal-inġenji tal-ajru.
- (5) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għall-UAS, li jitqiesu bħala ġugarelli skont it-tifsira tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾. Dawk l-UAS jenħtieġ li jikkonformaw mad-Direttiva 2009/48/KE wkoll. Dan ir-rekwiżit tal-konformità jenħtieġ li jitqies meta jiġu definiti r-rekwiżiti addizzjonali dwar is-sikurezza skont dan ir-Regolament.
- (6) UAS li mhumiex ġugarelli skont it-tifsira tad-Direttiva 2009/48/KE jenħtieġ li jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti dwar is-saħħa u s-sikurezza stabbiliti fid-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ sa fejn tapplika għalihom din id-Direttiva, bil-kundizzjoni li dawk ir-rekwiżiti tas-saħħa u tas-sikurezza mhumiex intrinsikament marbuta mas-sikurezza tat-titjiriet tal-UAS. Fejn dawk ir-rekwiżiti tas-saħħa u tas-sikurezza mhumiex intrinsikament marbuta mas-sikurezza tat-titjiriet, jenħtieġ li dan ir-Regolament biss japplika.

⁽¹⁾ ĠUL 212, 22.8.2018, p. 1.

⁽²⁾ Id-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli (ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1).

⁽³⁾ Id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (ĠUL 157, 9.6.2006, p. 24).

- (7) Id-Direttiva 2014/30/UE ⁽⁴⁾ u tad-Direttiva 2014/53/UE ⁽⁵⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ma għandhomx japplikaw għal inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord li huma soġġetti għal ċertifikazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 u maħsuba biex jiġihaddmu biss bi frekwenzi allokatu mir-Regolamenti dwar ir-Radju tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni għal użu ajrunawtiku protett.
- (8) Id-Direttiva 2014/53/UE jenħtieġ li tapplika għall-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord li mhumiex soġġetti għal ċertifikazzjoni u li mhumiex maħsuba biex jiġihaddmu biss fuq frekwenzi allokatu bir-Regolamenti tar-Radju tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni għall-użu ajrunawtiku protett, jekk dawn jemettu u/jew jirċievu b'mod intenzjonali mewġ elettromanjetiku għall-iskop ta' komunikazzjoni bir-radju u/jew ta' radjudeterminazzjoni fi frekwenzi taħt it-3 000 GHz.
- (9) Id-Direttiva 2014/30/UE jenħtieġ li tapplika għall-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord li mhumiex soġġetti għal ċertifikazzjoni u li mhumiex maħsuba biex jiġihaddmu biss fuq frekwenzi allokatu bir-Regolamenti tar-Radju tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni għall-użu ajrunawtiku protett, jekk ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/53/UE.
- (10) Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾ tistabbilixxi prinċipji komuni u dispożizzjonijiet orizzontali maħsuba biex japplikaw għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti li huma soġġetti għal-leġislazzjoni settorjali rilevanti. Biex tiġi żgurata l-konsistenza ma' leġislazzjoni settorjali oħra dwar il-prodotti, id-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' UAS maħsuba biex jiġihaddmu fil-kategorija "miftuħa" jenħtieġ li tiġi allinjata mal-qafas stabbilit mid-Deċiżjoni 768/2008/KE.
- (11) Id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾ tapplika għar-riskji għas-sikurezza ta' UAS sa fejn ma jkun hemm ebda dispożizzjoni speċifika bl-istess objettiv fir-regoli tad-dritt tal-Unjoni li jirregola s-sikurezza tal-prodotti kkonċernati.
- (12) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għall-forom kollha ta' provvista, inkluż il-bejgħ mill-bogħod.
- (13) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-passi neċessarji biex jiżguraw li l-UAS maħsuba biex jiġihaddmu fil-kategorija "miftuħa" jitqiegħdu fis-suq u jiġihaddmu biss meta ma jkunux ta' periklu għas-saħħa u għas-sikurezza tal-bnedmin, tal-annimali domestiċi jew tal-proprjeta, meta jintużaw b'mod normali.
- (14) Biex iċ-ċittadini jiġu pprovduti b'livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent, hemm bżonn li jiġu limitati l-emissjonijiet tal-istorbu kemm jista' jkun. Il-limitazzjonijiet tal-potenza akustika applikabbli għall-UAS maħsuba biex jiġihaddmu fil-kategorija "miftuħa" jistgħu jiġu rieżaminati fi tmiem il-perjodi tranżizzjonali kif definiti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/947 ⁽⁸⁾.
- (15) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali biex tiġi żgurata l-konformità tal-prodotti fil-kuntest ta' żieda fil-kummerċ elettroniku. Għal dak l-għan, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħeġġu jfittxu l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti fpajjiżi terzi u jiżviluppaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet doganali. L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq jenħtieġ li jużaw, fejn possibbli, il-proċeduri ta' "avviż u azzjoni" u jstabbilixxu l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tagħhom għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁹⁾. Jenħtieġ li jstabbilixxu kuntatti mill-qrib li jippermettu reazzjoni rapida ma' intermedjarji ewlenin li jipprovdut servizzi ta'hosting għal prodotti mibjugħa online.
- (16) Biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-interess pubbliku, bħas-sikurezza tas-saħħa, u biex tiġi garantita kompetizzjoni ġusta fis-suq tal-Unjoni, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jkunu responsabbli għall-konformità tal-UAS maħsuba biex jiġu operati fil-kategorija "miftuħa" mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, b'rabta mar-rwoli rispettivi tagħhom fil-katina ta' provvista u ta' distribuzzjoni. Għaldaqstant, jeħtieġ li tkun prevista distribuzzjoni ċara u proporzjonata tal-obbligi, li jikkorrispondi mar-rwol ta' kull operatur ekonomiku fil-katina ta' provvista u distribuzzjoni.

⁽⁴⁾ Id-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-kompatibbiltà elettromanjetika (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 79).

⁽⁵⁾ Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62).

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82).

⁽⁷⁾ Id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4).

⁽⁸⁾ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/947 tal-24 ta' Mejju 2019 dwar ir-regoli u l-proċeduri għall-operazzjoni ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord (ara l-paġna 45 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁹⁾ Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ("Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku") (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1).

- (17) Sabiex tkun iffaċilitata l-komunikazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi, l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza tas-suq u l-konsumaturi, l-operaturi ekonomiċi fornituri jew distributuri tal-UAS maħsuba biex jitħaddmu fil-kategorija "miftuħa" jenħtieġ li jipprovdu indirizz tas-sit web flimkien mal-indirizz postali.
- (18) Il-manifattur, li jkollu għarfien dettaljat tad-disinn u tal-proċess tal-produzzjoni, hu fl-aħjar pożizzjoni li jwettaq il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità tal-UAS maħsuba biex jiġu operati fil-kategorija "miftuħa". Għalhekk, il-valutazzjoni tal-konformità jenħtieġ li tibqa' l-obbligu tal-manifattur biss.
- (19) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għal kwalunkwe UAS ġdida tal-UAS maħsuba biex titħaddem fil-kategorija "miftuħa" fis-suq tal-Unjoni, kemm jekk UAS ġdida magħmula minn manifattur stabbilit fl-Unjoni jew inkella UAS ġdida jew użata importata minn pajjiż terz.
- (20) Hemm bżonn li jiġi żgurat li l-UAS minn pajjiżi terzi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jekk ikunu maħsuba biex jiġu operati fil-kategorija "miftuħa". B'mod partikolari, jenħtieġ li l-manifatturi jkunu wettqu proċeduri xierqa ta' valutazzjoni tal-konformità. Għalhekk jenħtieġ li jkun previst li l-importaturi jiżguraw li l-UAS li jqiegħdu fis-suq ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u li huma ma jqiegħdux fis-suq UAS li ma jikkonformawx ma' dawn ir-rekwiżiti jew li jippreżentaw xi riskju. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li jkun previst li l-importaturi jiżguraw li l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità jkunu twettqu u li l-markatura CE u d-dokumentazzjoni teknika mfassla mill-manifatturi jkunu disponibbli għall-ispezzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.
- (21) Id-distributur li jagħmel UAS maħsuba biex titħaddem fil-kategorija "miftuħa" disponibbli fis-suq jenħtieġ li jaġixxi bl-attenzjoni dovuta biex jiżgura li l-immaniġġjar minnu tal-prodott ma jaffettwax b'mod negattiv il-konformità tiegħu. Iżda kemm l-importaturi kif ukoll id-distributuri huma mistennija li jaġixxu bl-attenzjoni dovuta fir-rigward tar-rekwiżiti applikabbli meta huma jqiegħdu dawn il-prodotti fis-suq.
- (22) Meta jintroduċi fis-suq UAS maħsuba biex titħaddem fil-kategorija "miftuħa", kull importatur jenħtieġ li jindika fuq il-UAS, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata u l-indirizz fejn jista' jiġi kkuntattjat. Jenħtieġ li jiġu previsti eċċezzjonijiet f'każijiet fejn id-daqs jew in-natura tal-UAS ma tippermettix li dan isir. Dan jinkludi każijiet fejn l-importatur ikollu jiftaħ l-imballaġġ biex ipoġġi ismu u l-indirizz tiegħu fuq il-UAS.
- (23) Kwalunkwe operatur ekonomiku li jqiegħed fis-suq UAS maħsuba biex titħaddem fil-kategorija "miftuħa" f'ismu jew bit-trademark tiegħu, jew jimmodifika UAS maħsuba biex titħaddem fil-kategorija "miftuħa" b'mod li dan jista' jolqot il-konformità mar-rekwiżiti applikabbli, jenħtieġ li jitqies bħala manifattur u jenħtieġ li jassumi l-obbligi tal-manifattur.
- (24) Id-distributuri u l-importaturi, minħabba li huma qrib tas-suq, jenħtieġ li jkunu aktar involuti fil-kompiti ta' sorveljanza tas-suq imwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u jenħtieġ li jkunu lesti biex jipparteċipaw b'mod attiv, billi jagħtu lil dawn l-awtoritajiet l-informazzjoni kollha neċessarja relatata mal-UAS maħsuba biex titħaddem fil-kategorija "miftuħa".
- (25) L-iżgurar tat-traċċabbiltà ta' UAS maħsuba biex titħaddem fil-kategorija "miftuħa" fil-katina tal-provvista kollha jgħin sabiex is-sorveljanza tas-suq tkun aktar sempliċi u aktar effiċjenti. Sistema ta' traċċabbiltà effettiva tiffaċilita l-kompitu tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jittraċċaw lill-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu fis-suq UAS mhux konformi.
- (26) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun limitat għall-istabbiliment tar-rekwiżiti essenzjali. Sabiex jiffaċilitaw il-valutazzjoni tal-konformità ta' UAS maħsuba biex titħaddem fil-kategorija "miftuħa" ma' dawk ir-rekwiżiti hemm bżonn ta' dispożizzjoni għal preżunzjoni ta' konformità għall-prodotti li huma f'konformità mal-istandards armonizzati li huma adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁰⁾ bl-iskop li jkunu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati ta' dawk ir-rekwiżiti.
- (27) Ir-rekwiżiti essenzjali applikabbli għall-UAS maħsuba biex jitħaddmu fil-kategorija 'miftuħa' jenħtieġ li jkunu fformulati b'mod preċiż biżżejjed sabiex joħlqu obbligi li jorbtu legalment. Jenħtieġ li jifasslu b'mod li tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-konformità magħhom anki fin-nuqqas ta' standards armonizzati jew speċifikazzjonijiet jew fejn il-manifattur jagħżel li ma japplikax standard armonizzat.

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

- (28) Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 jipprevedi proċedura għal oġġezzjonijiet kontra standards armonizzati fejn dawk l-istandards ma jissodisfawx kompletament ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni dwar l-armonizzazzjoni applikabbli għal UAS maħsuba biex jitħaddmu fil-kategorija “miftuħa” skont dan ir-Regolament. Din il-proċedura jenħtieġ li tapplika fejn xieraq b’rabta ma’ standards li r-referenza tagħhom ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali bħala li jipprovdu preżunzjoni ta’ konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f’dan ir-Regolament.
- (29) Biex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu juru u biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiżguraw li l-UAS maħsuba biex jitħaddmu fil-kategorija “miftuħa” li jitqiegħdu fis-suq ikunu konformi mar-rekwiżiti essenzjali, hemm bżonn li jiġu previsti proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità. Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tistabbilixxi moduli għall-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità, li jinkludu proċeduri mill-inqas sal-aktar stretti, fi proporzjon mal-livell ta’ riskju involut u l-livell ta’ sikurezza meħtieġa. Biex tkun żgurata l-koerenza intersettorjali u biex ikunu evitati varjanti *ad hoc* tal-valutazzjoni tal-konformità, il-proċeduri dwar il-valutazzjoni tal-konformità jenħtieġ li jintgħażlu minn fost dawk il-moduli.
- (30) L-awtoritajiet ta’ sorveljanza tas-suq u l-operaturi tal-UAS jenħtieġ li jkollhom aċċess faċli għad-dikjarazzjoni ta’ konformità tal-UE. Biex jissodisfaw dan ir-rekwiżit, il-manifatturi jenħtieġ li jiżguraw li kull UAS maħsuba biex titħaddem fil-kategorija “miftuħa” tkun akkumpanjata minn kopja tad-dikjarazzjoni ta’ konformità tal-UE jew mill-indirizz tal-Internet li fuqu tkun tista’ tiġi aċċessata d-dikjarazzjoni ta’ konformità tal-UE.
- (31) Biex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-informazzjoni għal skopijiet ta’ sorveljanza tas-suq, l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi identifikati l-atti kollha applikabbli tal-Unjoni għal UAS maħsuba biex jitħaddmu fil-kategorija “miftuħa” jenħtieġ li tkun disponibbli f’dikjarazzjoni waħda ta’ konformità tal-UE. Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li jkun possibbli li dik id-dikjarazzjoni unika ta’ konformità tal-UE tkun fajl magħmul minn dikjarazzjonijiet individwali rilevanti tal-konformità.
- (32) Il-markatura CE, li tindika l-konformità ta’ prodott, hija r-riżultat viżibbli ta’ proċess sħiħ tal-valutazzjoni tal-konformità fis-sens wiesa’. Il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-markatura CE huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾. Ir-regoli dwar it-twaħħil tal-markatura CE mal-UAS maħsuba biex jiġu operati fil-kategorija “miftuħa” jenħtieġ li jiġu stabbiliti f’dan ir-Regolament.
- (33) Ċerti klassijiet tal-UAS maħsuba biex jitħaddmu fil-kategorija “miftuħa” koperti minn dan ir-Regolament jeħtieġu l-intervent ta’ korpi ta’ valutazzjoni tal-konformità. L-Istati Membri jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawn.
- (34) Hemm bżonn li jiġi żgurat livell għoli uniformi ta’ prestazzjoni tal-korpi li jwettqu l-valutazzjonijiet tal-konformità tal-UAS maħsuba biex jiġu operati fil-kategorija “miftuħa” madwar l-Unjoni, u li t-tali korpi kollha jwettqu l-funzjonijiet tagħhom fl-istess livell u f’kundizzjonijiet ta’ kompetizzjoni ġusta. Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti obbligatorji għall-korpi ta’ valutazzjoni tal-konformità li jixtiequ li jkunu nnotifikati sabiex jagħtu servizzi ta’ valutazzjoni tal-konformità.
- (35) Jekk korp ta’ valutazzjoni tal-konformità juri konformità ta’ UAS maħsuba biex titħaddem fil-kategorija “miftuħa” mal-kriterji stabbiliti fi standards armonizzati, jenħtieġ li jkun preżunt li jikkonforma mar-rekwiżiti korrispondenti stabbiliti f’dan ir-Regolament.
- (36) Sabiex ikun żgurat livell konsistenti tal-kwalità tal-valutazzjoni tal-konformità, jeħtieġ ukoll li jkunu ffixsati rekwiżiti għall-awtoritajiet li jinnotifikaw u korpi oħra involuti fil-valutazzjoni, fin-notifika u l-monitoraġġ tal-korpi nnotifikati.
- (37) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 jistipula regoli dwar l-akkreditament tal-korpi ta’ valutazzjoni tal-konformità, jipprovdi qafas għas-sorveljanza tas-suq tal-prodotti u għall-kontrolli fuq il-prodotti minn pajjiżi terzi, u jistipula l-prinċipji ġenerali tal-markatura CE. Is-sistema stabbilita f’dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun ikkomplimentata mis-sistema ta’ akkreditament kif prevista fir-Regolament (KE) Nru 765/2008.
- (38) L-akkreditament trasparenti kif previst fir-Regolament (KE) Nru 765/2008, li jiżgura l-livell neċessarju ta’ fiduċja fiċ-ċertifikati ta’ konformità, jenħtieġ li jintuża mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali fl-Unjoni kollha bħala l-mezz li juri l-kompetenza teknika tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

- (39) Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità spiss jissottokuntrattaw partijiet mill-attivitajiet tagħhom konnessi mal-valutazzjoni tal-konformità jew jgħaddhom lil sussidjarju. Biex jiġi mħares il-livell ta' protezzjoni meħtieġ għall-UAS maħsuba biex jitħaddmu fil-kategorija "miftuħa" li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni, huwa essenzjali li s-sottokuntratturi tal-valutazzjoni tal-konformità u s-sussidjarji jissodisfaw l-istess rekwiżiti bħall-korpi nnotifikati fir-rigward tat-tweġġiq ta' kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità. Għalhekk huwa importanti li l-valutazzjoni tal-kompetenza u l-prestazzjoni tal-korpi li trid tiġi nnotifikata u l-monitoraġġ ta' korpi diġà nnotifikati jkopru wkoll l-attivitajiet mwettqa minn sottokuntratturi u sussidjarji.
- (40) Jeħtieġ li jiżdiedu l-effiċjenza u t-trasparenza tal-proċedura tan-notifika u, b'mod partikolari, li tiġi adattata għal teknoloġiji ġodda biex tkun tista' ssir notifika onlajn.
- (41) Billi l-korpi nnotifikati jistgħu joffru s-servizzi tagħhom fl-Unjoni kollha, jixraq li l-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni jingħataw l-opportunità li jressqu oġġezzjonijiet fir-rigward ta' korp innotifikat. Huwa għalhekk importanti li jkun previst perjodu li matulu kull dubju jew tħassib dwar il-kompetenza tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità jkun jistgħu jiġu ċċarati qabel ma jibdeu jaħdmu bħala korpi nnotifikati.
- (42) Fl-interessi tal-kompetittività, huwa kruċjali li l-korpi nnotifikati japplikaw il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità mingħajr ma joħolqu xi piż amministrattiv bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi. Għall-istess raġuni u wkoll biex ikun żgurat trattament ugwali tal-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li tiġi żgurata l-konsistenza fl-applikazzjoni teknika tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità. Dan jista' jsir l-aħjar permezz ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni xierqa bejn il-korpi nnotifikati.
- (43) Il-partijiet interessati jenħtieġ li jkollhom id-dritt ta' appell kontra r-riżultat ta' valutazzjoni tal-konformità mwettqa minn korp innotifikat. Huwa importanti li jiġi żgurat li tkun disponibbli proċedura ta' appell kontra d-deċiżjonijiet kollha meħuda minn korpi nnotifikati.
- (44) Il-manifatturi jenħtieġ li jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li UAS maħsuba biex jitħaddmu fil-kategorija "miftuħa" jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk, meta jkun maħżuna u użati skont l-iskop maħsub tagħhom, jew skont kondizzjonijiet li jistgħu jkun previsti b'mod raġonevoli, ma jipperikolawx is-saħħa jew is-sikurezza tal-persuni. UAS maħsuba biex jitħaddmu fil-kategorija "miftuħa" jenħtieġ li jitqiesu bħala mhux konformi mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti f'dan ir-Regolament biss taħt kondizzjonijiet ta' użu li jistgħu jkun previsti b'mod raġonevoli, jiġifieri meta dan l-użu jista' jirriżulta minn imġiba umana legali u faċilment prevedibbli.
- (45) Sabiex tkun żgurata ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li jkun iċċarat li r-regoli dwar is-sorveljanza tas-suq tal-Unjoni u l-kontroll tal-prodotti li jidhru fis-suq tal-Unjoni previsti fir-Regolament (KE) Nru 765/2008, inklużi d-dispożizzjonijiet rigward l-iskambju ta' informazzjoni permezz tas-Sistema ta' Twissija Bikrija (RAPEX), japplikaw għall-UAS maħsuba biex jitħaddmu fil-kategorija "miftuħa". Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jxekklix lill-Istati Membri milli jagħżlu l-awtoritajiet kompetenti li jwettqu dawk il-kompiti. Biex tiġi żgurata tranżizzjoni mexxejja rigward l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu pprovduti miżuri tranżizzjonali xierqa.
- (46) Il-UAS li t-tħaddim tagħhom jippreżenta l-ogħla riskji jenħtieġ li jkun soġġetti għaċ-ċertifikazzjoni. Dan ir-Regolament jenħtieġ għalhekk li jiddefinixxi l-kundizzjonijiet li fihom id-disinn, il-produzzjoni u l-manutenzjoni tal-UAS jenħtieġ li jkun soġġetti għaċ-ċertifikazzjoni. Dawk il-kundizzjonijiet huma marbuta ma' riskju ogħla ta' ħsara lil terzi persuni f'każ ta' aċċidenti u għalhekk jenħtieġ li ċ-ċertifikazzjoni tkun meħtieġa għall-UAS iddisinjati għat-trasport tal-persuni, l-UAS iddisinjati biex jittrasportaw oġġetti perikolużi u għall-UAS li għandha kwalunkwe dimensjoni ta' l fuq minn 3 m u li hija ddisinjata biex titħaddem fuq ġemgħat ta' persuni. Iċ-ċertifikazzjoni tal-UAS użati fil-kategorija "speċifika" ta' operazzjonijiet definita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 ukoll jenħtieġ li tkun meħtieġa jekk, wara valutazzjoni tar-riskju, awtorizzazzjoni operattiva maħruġa mill-awtorità kompetenti tqis li r-riskju tat-tħaddim ma jistax jiġi mitigat b'mod adegwat mingħajr iċ-ċertifikazzjoni tal-UAS.
- (47) UAS li jitqiegħdu fis-suq u li huma maħsuba biex jitħaddmu fil-kategorija "miftuħa" u li għandhom tikketta tal-identifikazzjoni tal-klassi jenħtieġ li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għal UAS li joperaw fil-kategoriji ta' operazzjonijiet "speċifiċi" jew "ċertifikati", kif applikabbli, jekk dawk l-UAS jintużaw barra mill-kategorija "miftuħa" tal-operazzjonijiet.
- (48) L-operaturi tal-UAS li jkollhom is-sede prinċipali tagħhom, huma stabbiliti, jew huma residenti f'pajjiż terz u li jwettqu operazzjonijiet tal-UAS fi ħdan l-ispazju tal-ajru uniku Ewropew jenħtieġ li jkun soġġetti għal dan ir-Regolament.

- (49) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-Opinjoni Nru 01/2018 ⁽¹²⁾ maħruġa mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) skont l-Artikolu 65 tar-Regolament (UE) 2018/1139,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti għad-disinn u għall-manifattura ta' sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAS) maħsuba biex jitħaddmu skont ir-regoli u l-kundizzjonijiet definiti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 u tal-aċċessorji supplimentari ta' identifikazzjoni mill-bogħod. Jiddefinixxi wkoll it-tip ta' UAS li d-disinn, il-produzzjoni u l-manutenzjoni tagħhom għandhom ikunu soġġetti għal ċertifikazzjoni.
2. Jistabbilixxi wkoll ir-regoli dwar it-tqegħid fis-suq tal-UAS maħsuba għat-tħaddim fil-kategorija "miftuħa" u tal-aċċessorji supplimentari ta' identifikazzjoni mill-bogħod, kif ukoll il-moviment liberu tagħhom fl-Unjoni.
3. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli għall-operaturi tal-UAS ta' pajjiżi terzi, meta dawn iwettqu operazzjoni tal-UAS skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 fl-isparju tal-ajru uniku Ewropew.

Artikolu 2

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Il-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament japplika għall-prodotti li ġejjin:
 - (a) UAS maħsuba biex jiġu operati skont ir-regoli u l-kundizzjonijiet applikabbli għall-kategorija "miftuħa" tal-operazzjonijiet tal-UAS skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947, ħliet UAS mibnija b'mod privat, u li jkollhom fuqhom tikketta ta' identifikazzjoni tal-klassi kif stipulat fil-Partijiet 1 sa 5 tal-Anness għal dan ir-Regolament li tindika għal liema waħda mill-ħames klassijiet tal-UAS imsemmija fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 tappartjeni;
 - (b) aċċessorji supplimentari għall-identifikazzjoni mill-bogħod kif stipulat fil-Parti 6 tal-Anness għal dan ir-Regolament.
2. Il-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament japplika għal UAS li jitħaddmu skont ir-regoli u l-kundizzjonijiet applikabbli għall-kategoriji "ċertifikati" u "speċifiċi" tal-operazzjonijiet ta' UAS skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947.
3. Il-Kapitolu IV ta' dan ir-Regolament japplika wkoll għal operaturi tal-UAS li għandhom is-sede prinċipali tagħhom, li huma stabbiliti, jew li jkollhom ir-residenza tagħhom f'pajjiż terz, jekk l-UAS jitħaddmu fl-Unjoni.
4. Dan ir-Regolament ma japplikax għal UAS maħsuba biex jitħaddmu biss fuq ġewwa.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord" ("UA") tfisser kwalunkwe inġenju tal-ajru li jitħaddem jew li huwa maħsub biex jitħaddem mingħajr bdot abbord;
- (2) "tagħmir biex inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord jiġi kkontrollat mill-bogħod" tfisser kwalunkwe strument, tagħmir, mekkaniżmu, apparat, suppliment, softwer jew aċċessorji li jkunu neċessarji għat-tħaddim sikur ta' UA għajr parti minnu u li ma jinġarrux abbord dak l-UA;
- (3) "sistema tal-ajru mingħajr bdot abbord" (UAS) tfisser inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord u t-tagħmir biex dan jiġi kkontrollat mill-bogħod;
- (4) "operatur ta' sistema tal-ajru mingħajr bdot abbord" ("operatur ta' UAS") tfisser kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika li topera jew biħsiebha topera UAS waħda jew aktar;

⁽¹²⁾ Opinjoni Nru 01/2018 tal-EASA "Introduction of a regulatory framework for the operation of unmanned aircraft systems in the 'open' and 'specific' categories" (RMT.0230), disponibbli fuq <https://www.easa.europa.eu/document-library/opinions>

- (5) kategorija “miftuħa” tfisser kategorija ta’ operazzjonijiet tal-UAS li hija ddefinita fl-Artikolu 4 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/947;
- (6) kategorija “speċifika” tfisser kategorija ta’ operazzjonijiet tal-UAS li hija ddefinita fl-Artikolu 5 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/947;
- (7) kategorija “ċertifikata” tfisser kategorija ta’ operazzjonijiet tal-UAS li hija ddefinita fl-Artikolu 6 tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/947;
- (8) “leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni” tfisser kwalunkwe leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tarmonizza l-kundizzjonijiet għat-tqegħid ta’ prodotti fis-suq;
- (9) “akkreditament” tfisser akkreditament kif definit fil-paragrafu 10 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008;
- (10) “valutazzjoni tal-konformità” tfisser il-proċess li juri jekk ir-rekwiżiti speċifiki relatati ma’ prodott ġewx sodisfatti;
- (11) “korp tal-valutazzjoni tal-konformità” tfisser korp li jwettaq attivitajiet ta’ valutazzjoni tal-konformità inklużi l-kalibrizzjoni, l-ittestjar, iċ-ċertifikazzjoni u l-ispezzjoni;
- (12) “markatura CE” tfisser markatura li permezz tagħha l-manifattur jindika li l-prodott huwa konformi mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni ta’ armonizzazzjoni tal-Unjoni li tipprovi għat-twaħħil tagħha;
- (13) “manifattur” tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura prodott, jew li għandha prodott iddisinjat jew immanifatturat u li tikkummerċjalizza dak il-prodott taħt ismhom jew it-trejdmark tagħhom;
- (14) “rappreżentant awtorizzat” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fi ħdan l-Unjoni li rċeviet mandat bil-miktub minn manifattur sabiex taġixxi f’ismu fir-rigward ta’ kompiti speċifiki;
- (15) “importatur” tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tqiegħed prodott minn pajjiż terz fis-suq tal-Unjoni;
- (16) “distributtur” tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika fil-katina tal-provvista, barra l-manifattur jew l-importatur, li tqiegħed prodott fis-suq;
- (17) “operaturi ekonomiċi” tfisser il-manifattur, ir-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur, l-importatur u d-distributtur tal-UAS;
- (18) “tqegħid fis-suq” tfisser kwalunkwe provvista ta’ prodott għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu fis-suq tal-Unjoni tul attivitajiet kummerċjali kemm jekk issir bi ħlas kif ukoll jekk tkun mingħajr ħlas;
- (19) “introduzzjoni fis-suq” tfisser li prodott jitqiegħed għall-ewwel darba fis-suq tal-Unjoni;
- (20) “standard armonizzat” tfisser standard armonizzat kif definit fil-punt (c) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;
- (21) “speċifikazzjoni teknika” tfisser dokument li jstabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi li jridu jiġu sodisfatti minn prodott, proċess jew servizz;
- (22) “UAS mibnija b’mod privat” tfisser UAS immuntata jew manifatturata għall-użu proprju minn min jibniha, eskluża UAS immuntata minn sett ta’ partijiet imqiegħda fis-suq mill-manifattur bħala kitt waħda lesta għall-immuntar;
- (23) “awtorità tas-sorveljanza tas-suq” tfisser awtorità ta’ kull Stat Membru responsabbli għat-tweqqif tas-sorveljanza tas-suq fit-territorju tiegħu;
- (24) “teħid lura” tfisser kwalunkwe miżura maħsuba biex jittieħed lura prodott li jkun diġà sar disponibbli għall-utent aħħari;
- (25) “irtirar” tfisser kull miżura maħsuba biex prodott fil-katina ta’ provvista ma jithallixx jitqiegħed fis-suq;
- (26) “spazju tal-ajru uniku Ewropew” tfisser spazju tal-ajru fuq it-territorju li għalih japplikaw it-Trattati, kif ukoll kwalunkwe spazju tal-ajru ieħor fejn l-Istati Membri japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹³⁾ f’konformità mal-paragrafu 3 tal-Artikolu 1 ta’ dak ir-Regolament;

⁽¹³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta’ Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispażju tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 20).

- (27) “bdot mill-bogħod” tfisser persuna fiżika responsabbli għat-tmexxija sikura tat-titjira ta’ UA bit-tħaddim tal-kontrolli tat-titjira tagħha, b’mod manwali jew, meta l-UA jtir b’mod awtomatiku, bis-sorveljanza tar-rota tagħha u biż-żamma tal-possibbiltà ta’ intervent u ta’ tbiddil tar-rota tagħha fi kwalunkwe waqt;
- (28) “massa massima tat-tluq” (“MTOM”) tfisser l-ogħla massa ta’ UA, inkluż it-tagħbija u l-fjuwil, kif definita mill-manifattur jew il-fabbrikant, li bih jista’ jitħaddem l-UA;
- (29) “tagħbija” tfisser kwalunkwe strument, mekkaniżmu, tagħmir, parti, apparat, suppliment, jew aċċessorju, inkluż tagħmir tal-komunikazzjoni, li huma installati fl-inġenju tal-ajru jew imqabba miegħu, u li ma jintużawx jew li ma jkollhomx l-għan li jintużaw fit-tħaddim jew fil-kontroll ta’ inġenju tal-ajru fit-titjira, u ma jkunux parti minn qafas tal-inġenju tal-ajru, minn magna jew minn skrun;
- (30) “modalità ta’ insewiment” tfisser modalità tat-tħaddim ta’ UAS li fiha l-UA kostantament isegwi l-bdot mill-bogħod fi ħdan raġġ predeterminat;
- (31) “identifikazzjoni diretta mill-bogħod” tfisser sistema li tiżgura t-trażmissjoni lokali ta’ informazzjoni dwar UA waqt l-operazzjoni, inkluż il-markaturi tal-UA, biex din l-informazzjoni tkun tista’ tinkiseb mingħajr aċċess fiżiku għall-UA;
- (32) “ġeokonsapevolezza” tfisser funzjoni li, abbażi tad-*data* pprovduta mill-Istati Membri, tindividwa ksur potenzjali tal-limitazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru u twissi lill-bdoti mill-bogħod biex ikunu jisgħu jieħdu azzjoni effettiva u immedjata biex jipprevjenu dak il-ksur;
- (33) “livell ta’ potenza akustika LWA” tfisser potenza akustika ponderata-A fdB b’rabta ma’ 1 pW kif definit fl-EN ISO 3744:2010;
- (34) “livell ta’ potenza akustika mkejjel” tfisser livell ta’ potenza akustika kif determinat mill-kejl kif stipulat fil-Parti 13 tal-Anness; il-valuri mkejla jistgħu jkunu ddeterminati jew minn rappreżentanti ta’ UA waħda għat-tip ta’ tagħmir jew mill-medja ta’ numru ta’ UA;
- (35) “livell ta’ potenza akustika garantita” tfisser livell ta’ ħoss ta’ qawwa determinat skont il-bżonnijiet imniżżla fil-Parti 13 tal-Anness li tinkludi l-inċertezzi minħabba varjazzjoni ta’ produzzjoni u proċeduri ta’ kejl u fejn il-produttur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu mwaqqaf fil-Komunità, jikkonferma li skont l-istrumenti applikati u li jissemew fid-dokumentazzjoni teknika dan ma jinqabix;
- (36) “żamma fl-arja” tfisser li tibqa’ fl-istess pożizzjoni ġeografika fl-ajru;
- (37) “għemgħat ta’ persuni” tfisser laqgħat fejn il-persuni ma jkunux jistgħu jitolqu minħabba d-densità tan-nies preżenti.

KAPITOLU II

UAS maħsuba biex jitħaddmu fil-kategorija “miftuħa” u aċċessorji supplementari għall-identifikazzjoni mill-bogħod

TAQSIMA 1

Rekwiżiti tal-prodott

Artikolu 4

Rekwiżiti

1. Il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 2 għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Partijiet 1 sa 6 tal-Anness.
2. UAS li mhumiex ġugarelli skont it-tifsira tad-Direttiva 2009/48/KE għandhom jikkonformaw biss mar-rekwiżiti rilevanti dwar is-saħħa u s-sikurezza stabbiliti fid-Direttiva 2006/42/KE fir-rigward ta’ riskji għajr dawk marbuta mas-sikurezza tat-titjir tal-UA.
3. Kwalunkwe aġġornamenti tas-software tal-prodotti li diġà tqiegħdu fis-suq jista’ jsir biss jekk tali aġġornamenti ma jaffetwawx il-konformità tal-prodott.

Artikolu 5

Tqegħid fis-suq u moviment liberu tal-prodotti

1. Il-prodotti għandhom jitqiegħdu fis-suq biss jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti ta’ dan il-Kapitolu u ma jipperikolawx is-saħħa jew is-sikurezza tal-persuni, tal-annimali jew tal-proprjetà.

2. L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu, għall-aspetti koperti minn dan il-Kapitolu, it-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jikkonformaw ma' dan il-Kapitolu.

TAQSIMA 2

Obbligi tal-operaturi ekonomiċi

Artikolu 6

Obbligi tal-manifatturi

1. Meta jqiegħdu l-prodott tagħhom fis-suq tal-Unjoni, il-manifatturi għandhom jiżguraw li dan ikun ġie ddisinjat u mmanifatturat skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Partijiet 1 sa 6 tal-Anness.

2. Il-manifatturi għandhom ifasslu d-dokumentazzjoni teknika previsti fl-Artikolu 17 u jwettqu l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti msemmija fl-Artikolu 13 jew jesternalizzawha.

Fejn tkun intweriet il-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Partijiet 1 sa 6 tal-Anness permezz ta' dik il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, il-manifatturi għandhom ifasslu dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u jwadhlu l-markatura CE.

3. Il-manifatturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għal 10 snin wara li l-prodott ikun tqiegħed fis-suq.

4. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li jkollhom fis-seħħ proċeduri biex il-produzzjoni ta' serje tibqa' konformi ma' dan il-Kapitolu. Għandhom jitqiesu adegwatament dawk it-tibdiliet fid-disinn, fil-karatteristiċi jew fis-software, u t-tibdiliet fl-istandards armonizzati jew fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li b'referenza għalihom tiġi ddikjarata l-konformità ta' prodott.

Meta jitqies li jkun meħtieġ fir-rigward tar-riskji ppreżentati minn prodott, il-manifatturi għandhom, għall-finijiet tal-protezzjoni tas-saħħa u tas-sikurezza tal-konsumaturi, jagħmlu testijiet fuq kampjuni ta' prodotti kummerċjalizzati, jinvestigaw, u jekk ikun meħtieġ, iżommu regjistru ta' lmenti, ta' prodotti mhux konformi u ta' sejħiet lura ta' prodotti, u għandhom iżommu lil distributuri informati dwar kwalunkwe monitoraġġ ta' dan it-tip.

5. Il-manifatturi tal-UAS għandhom jiżguraw li l-UA ikollhom fuqhom it-tip skont id-Deċiżjoni 768/2008/KE kif ukoll numru tas-serje uniku li jippermetti l-identifikazzjoni tagħhom, u fejn applikabbli, jkunu konformi mar-rekwiżiti definiti fil-Partijiet 2 sa 4 korrispondenti tal-Anness. Il-manifatturi ta' aċċessorju supplimentari għall-identifikazzjoni mill-bogħod għandhom jiżguraw li l-aċċessorji supplimentari għall-identifikazzjoni mill-bogħod ikollhom fuqhom it-tip kif ukoll in-numru tas-serje uniku li jippermetti l-identifikazzjoni tagħhom u li jkun konformi mar-rekwiżiti definiti fil-Parti 6 tal-Anness. Fiż-żewġ każijiet, il-manifatturi għandhom jiżguraw n-numru tas-serje uniku jitwahaħhal ukoll fuq id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE jew fuq id-dikjarazzjoni simplifikata ta' konformità tal-UE msemmija fl-Artikolu 14.

6. Il-manifatturi għandhom jindikaw, fuq il-prodott, isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom, l-indirizz tas-sit web u l-indirizz postali fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument li jakkumpanjah. L-indirizz għandu jindika punt waħdieni fejn jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur. Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu indikati b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti aħħarin u mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq.

7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-prodott ikun akkumpanjat minn manwal u minn avviż ta' informazzjoni meħtieġa mill-Partijiet 1 sa 6 tal-Anness f'lingwaġġ li jista' jinftiehem faċilment mill-konsumaturi u utenti finali oħrajn, kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat. Dawn il-manwal u l-avviż ta' informazzjoni, kif ukoll kull tip ta' tikkettar għandhom ikunu ċari, jistgħu jinftiehem u leġibbli.

8. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li kull prodott ikun akkumpanjat minn dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE jew b'dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE ssimplifikata. Meta tingħata dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE ssimplifikata, din għandu jkollha l-indirizz tal-Internet preċiż minn fejn ikun jista' jinkiseb it-test sħiħ tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE.

9. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li prodott li jkunu introduċew fis-suq mhumiex konformi ma' dan il-Kapitolu għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-prodott isir konformi, jirtiraw jew jiġbruh lura, jekk dan ikun xieraq. Fejn il-prodott jippreżenta riskju, il-manifatturi għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza tal-Istati Membri fejn huma jkunu qiegħdu l-prodott fis-suq għal dan il-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas tal-konformità, dwar kull miżura korrettiva meħuda u dwar ir-riżultati ta' din.

10. Il-manifatturi għandhom, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdulha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa, fuq karta jew f'format elettroniku, biex juru l-konformità tal-prodott ma' dan il-Kapitolu b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-prodott li huma jkunu introduċew fis-suq.

Artikolu 7

Rappreżentanti awtorizzati

1. Manifattur jista', permezz ta' mandat bil-miktub, jaħtar rappreżentant awtorizzat.

L-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 6 u l-obbligi li titħejja d-dokumentazzjoni teknika msemija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 6 ma għandhomx ikunu parti mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat.

2. Rappreżentant awtorizzat għandu jwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat li jkun irċieva mingħand il-manifattur. Il-mandat għandu jippermetti lir-rappreżentant awtorizzat għall-inqas li jagħmel dan li ġej:

- (a) li jżomm id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u d-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza tas-suq għal perjodu ta' 10 snin wara li l-prodott ikun tqiegħed fis-suq tal-Unjoni;
- (b) wara talba motivata mingħand awtorità tas-sorveljanza tas-suq jew ta' kontroll fuq il-fruntiera, lil din l-awtorità jagħtiha kull informazzjoni u dokumentazzjoni meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-prodott;
- (c) jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza jew tal-kontroll fuq il-fruntiera, wara talba taġġhom, fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati n-nuqqas ta' konformità tal-prodotti koperti mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat jew ir-riskji ta' sikurezza miġjuba minnhom.

Artikolu 8

Obbligi tal-importaturi

1. L-importaturi għandhom iqiegħdu fis-suq tal-Unjoni dawk il-prodotti biss li jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

2. Qabel ma jqiegħdu prodott fis-suq tal-Unjoni, l-importaturi għandhom jiżguraw li:

- (a) il-manifattur wettaq il-proċedura xierqa ta' valutazzjoni tal-konformità msemija fl-Artikolu 13;
- (b) il-manifattur fassal id-dokumentazzjoni teknika msemija fl-Artikolu 17;
- (c) il-prodott fih il-markatura CE u, fejn ikun hemm bżonn, it-tikketa ta' identifikazzjoni tal-klassi tal-UA u l-indikazzjoni tal-livell ta' potenza akustika;
- (d) il-prodott ikollu miegħu d-dokumenti msemija fil-paragrafi 7 u 8 tal-Artikolu 6;
- (e) il-manifattur ikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 5 u 6 tal-Artikolu 6.

Meta importatur iqis jew ikollu raġunijiet biex jemmen li prodott ma jkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Partijiet 1 sa 6 tal-Anness, dan ma għandux iqiegħed il-prodott fis-suq sakemm dan ma jkunx sar konformi. Barra minn hekk, meta l-prodott ikun jippreżenta riskju għas-saħħa u għas-sikurezza tal-konsumaturi u tal-partijiet terzi, l-importatur għandu jinforma lill-manifattur u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar dan.

3. L-importaturi għandhom jindikaw fuq il-prodott, isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata taġġhom, is-sit web u l-indirizz postali fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument li jakkumpanja l-prodott. Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu b'lingwa li tintfiehmet faċilment mill-utenti aħħarin u mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq.

4. L-importaturi għandhom jiżguraw li l-prodott ikun akkumpanjat minn manwal u minn avviż ta' informazzjoni meħtieġa mill-Partijiet 1 sa 6 tal-Anness f'lingwaġġ li jista' jintfiehmet faċilment mill-konsumaturi u utenti finali oħrajn, kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat. Dak il-manwal u l-avviż ta' informazzjoni, kif ukoll kull tip ta' ttikkettar għandhom ikunu ċari, jistgħu jintfiehmu u leġibbli.

5. L-importaturi għandhom jiżguraw li, filwaqt li l-prodott ikun taħt ir-responsabbiltà taġġhom, il-kundizzjonijiet ta' ħżin jew ta' trasport tiegħu ma jippreġudikawx il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4.

6. Meta jitqies li jkun xieraq fir-rigward tar-riskji preżentati minn prodott, l-importaturi għandhom, għall-finijiet tal-protezzjoni tas-saħħa u tas-sikurezza tal-utenti aħharja u tal-partijiet terzi, jagħmlu testijiet fuq kampjuni ta' prodotti li jkunu tqiegħdu fis-suq, jinvestigaw, u, jekk ikun meħtieġ, iżommu reġistru ta' lmenti, ta' prodotti mhux konformi u sejħiet lura tal-prodotti mis-suq, u għandhom iżommu lid-distributuri informati dwar kwalunkwe monitoraġġ ta' dan it-tip.

7. Importaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jaħsbu li prodott li huma jkunu qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, għandhom immedjatament jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex il-prodott isir konformi, biex jirtiraw mis-suq jew isejħulu lura, skont il-każ. Barra minn hekk, fejn il-prodott jippreżenta riskju, l-importaturi għandhom jinformatu minnufih lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn ikunu qiegħdu l-prodott fis-suq għal dan il-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas tal-konformità u dwar kull miżura korrettiva meħuda.

8. L-importaturi għandhom, għal 10 snin wara li l-prodott ikun tqiegħed fis-suq, iżommu kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u jiżguraw li d-dokumentazzjoni teknika tkun disponibbli għal dawk l-awtoritajiet, fuq talba.

9. L-importaturi għandhom, wara talba motivata mill-awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha neċessarja fuq karta jew f'forma elettronika biex juru l-konformità tal-prodott, b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità kompetenti nazzjonali. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-prodott li huma jkun introduċew fis-suq.

Artikolu 9

Obbligi tad-distributuri

1. Meta jqiegħdu prodott fis-suq tal-Unjoni, id-distributuri għandhom jaġixxu bl-attenzjoni dovuta b'rabta mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

2. Qabel ma jqiegħdu prodott fis-suq, id-distributuri għandhom jivverifikaw li l-prodott ikollu fuq il-markatura CE u, meta applikabbli, it-tikketta ta' identifikazzjoni tal-klassi tal-UA u l-indikazzjoni tal-livell ta' potenza akustika, ikun akkumpanjat mid-dokumenti msemmija fil-paragrafi 7 u 8 tal-Artikolu 6, u li l-manifattur u l-importatur ikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 5 u 6 tal-Artikolu 6 u fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 8).

Id-distributuri għandhom jiżguraw li l-prodott ikun akkumpanjat minn manwal u minn avviż ta' informazzjoni meħtieġa mill-Partijiet 1 sa 6 tal-Anness flingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u utenti finali oħrajn, kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat. Dak il-manwal u l-avviż ta' informazzjoni, kif ukoll kull tip ta' ttikkettar għandhom ikunu ċari, jistgħu jinftehem u legħibbli.

Meta distributur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li prodott ma jkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4, dan ma għandux iqiegħed il-prodott fis-suq sakemm dan ikun sar konformi. Barra minn hekk, fejn il-prodott jippreżenta riskju, id-distributur għandu jinforma lill-manifattur jew lill-importatur kif ukoll lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq kompetenti dwar dan.

3. Id-distributuri għandhom jiżguraw li, filwaqt li prodott ikun taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet ta' ħżin jew trasport tiegħu ma jippreġudikawx il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4.

4. Distributuri li jqisu jew li jkollhom raġunijiet biex jaħsbu li prodott li huma jkun qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex il-prodott isir konformi, biex jirtirawh mis-suq jew isejħulu lura, skont il-każ. Barra minn hekk, fejn il-prodott jippreżenta riskju, id-distributuri għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn ikunu qiegħdu l-prodott fis-suq għal dan il-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas tal-konformità u dwar kull miżura korrettiva meħuda.

5. Id-distributuri għandhom, fuq talba motivata mill-awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha, fuq karta jew f'forma elettronika, biex juru l-konformità tal-prodott. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-prodott li jkun qiegħdu fis-suq.

Artikolu 10

Każijiet fejn l-obbligi tal-manifatturi japplikaw għall-importaturi u d-distributuri

Importatur jew distributur għandu jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu u għandu jkun soġġett għall-obbligi tal-manifatturi skont l-Artikolu 6, meta dawn ikunu qiegħdu prodott fis-suq taħt isimhom jew bit-trademark tagħhom jew jimmodifikaw il-prodott li jkun diġà tqiegħed fis-suq b'tali mod li tista' tintlaqat il-konformità ma' dan il-Kapitolu.

Artikolu 11

Identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi

1. L-operaturi ekonomiċi għandhom, fuq talba, jidentifikaw dan li ġej lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq:

(a) kull operatur ekonomiku li jkun ipprovdihom bi prodott;

(b) kull operatur ekonomiku li huma jkun pprovdeu bi prodott.

2. L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu kapaċi jippreżentaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1:
 - (a) għal 10 snin wara li jkunu ġew ipprovduti bil-prodott;
 - (b) għal 10 snin wara li jkunu pprovdew il-prodott.

TAQSIMA 3

Konformità tal-prodott

Artikolu 12

Preżunzjoni ta' konformità

Prodott li jkun konformi ma' standards armonizzati jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandu jkun preżunt konformi mar-rekwiżiti koperti minn dawk l-istandards jew partijiet minnhom, stabbiliti fil-Partijiet 1 sa 6 tal-Anness.

Artikolu 13

Proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità

1. Il-manifattur għandu jwettaq valutazzjoni tal-konformità tal-prodott billi juża waħda mill-proċeduri li ġejjin bl-għan li jstabbilixxi l-konformità ta' dan mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Partijiet 1 sa 6 tal-Anness. Il-valutazzjoni tal-konformità għandha tqis il-kundizzjonijiet operazzjonali maħsuba u prevedibbli kollha.
2. Il-proċeduri disponibbli għat-tweqqif tal-valutazzjoni tal-konformità għandhom ikunu dawn li ġejjin:
 - (a) il-kontroll intern tal-produzzjoni stabbilit fil-Parti 7 tal-Anness, meta tiġi vvalutata l-konformità ta' prodott mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti 1, 5 jew 6 tal-Anness, soġġett għall-kundizzjoni li l-manifattur ikun applika standards armonizzati, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għar-rekwiżiti kollha li għalihom jeżistu standards bħal dawn;
 - (b) eżami tat-tip tal-UE segwit minn konformità mat-tip, ibbażat fuq il-kontroll intern tal-produzzjoni kif stabbilit fil-Parti 8 tal-Anness;
 - (c) konformità bbażata fuq garanzija sħiħa tal-kwalità stabbilita fil-Parti 9 tal-Anness, ħliet meta tiġi vvalutata l-konformità ta' prodott li jkun ġugarell skont it-tifsira tad-Direttiva 2009/48/KE.

Artikolu 14

Dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE

1. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE msemmija fil-paragrafu 8 tal-Artikolu 6 għandha tiddikjara li l-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Partijiet 1 sa 6 tal-Anness intweriet u, għall-UAS, tidentifika l-klassi tagħha.
2. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandu jkollha l-istruttura stabbilita fil-Parti 11 tal-Anness, għandha tinkludi l-elementi speċifikati f'dik il-Parti u għandha tiġi aġġornata kontinwament. Għandha wkoll tiġi tradotta fil-lingwa jew lingwi meħtieġa mill-Istat Membru fejn jiġi introdott jew fejn jitqiegħed fis-suq il-prodott.
3. Id-dikjarazzjoni ta' konformità ssimplifikata tal-UE msemmija fil-paragrafu 8 tal-Artikolu 6 għandu jkun fiha l-elementi stipulati fil-Parti 12 tal-Anness u għandha tiġi aġġornata kontinwament. Għandha wkoll tiġi tradotta fil-lingwa jew il-lingwi meħtieġa mill-Istat Membru fejn il-prodott jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-suq. It-test sħiħ tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandu jkun disponibbli fuq l-indirizz tal-Internet imsemmi fid-dikjarazzjoni ta' konformità ssimplifikata tal-UE f'lingwa jew fil-lingwi meħtieġa mill-Istat Membru fejn il-prodott jiġi introdott jew jitqiegħed fis-suq.
4. Meta prodott ikun soġġett għal aktar minn att wieħed tal-Unjoni li jeżiġi dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, għandha titfassal dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE waħda fir-rigward ta' dawn l-atti kollha tal-Unjoni. Dik id-dikjarazzjoni għandu jkollha l-identifikazzjoni tal-atti tal-Unjoni kkonċernati, inklużi r-referenzi tal-pubblikazzjoni tagħhom.
5. Meta jfassal id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, il-manifattur għandu jassumi responsabbiltà għall-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

*Artikolu 15***Prinċipji ġenerali tal-markatura CE**

Il-markatura CE għandha tkun soġġetta għall-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Artiklu 30 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

*Artikolu 16***Ir-regoli u l-kundizzjonijiet għat-twaħħil tal-markatura CE, tan-numru ta' identifikazzjoni tal-korp innotifikat, tat-tikketta għall-identifikazzjoni tal-klassi tal-UAS u tal-indikazzjoni tal-livell ta' potenza akustika**

1. Il-markatura CE għandha titwaħħal b'mod viżibbli, leġibbli u li ma jitħassarx mal-prodott jew mal-panċa tad-*data* mwaħħla miegħu. Fejn dan ma jkunx possibbli jew ma jkunx ġustifikat minħabba d-daqs tal-prodott, din għandha titwaħħal fuq l-imballaġġ.
2. It-tikketta għall-identifikazzjoni tal-klassi tal-UA għandha titwaħħal b'mod viżibbli, leġibbli u li ma jitħassarx mal-UA u mal-imballaġġ tagħha u tal-anqas għandha tkun għolja 5 mm. It-twaħħil ta' markaturi, sinjali jew iskrizzjoniet ma' prodott, li x'aktarx ifixxlu lil partijiet terzi fir-rigward tat-tifsira jew il-forma tat-tikketta tal-identifikazzjoni tal-klassi għandu jkun ipprojbit.
3. L-indikazzjoni tal-livell ta' potenza akustika skont il-Parti 14 ta' dan l-Anness għandha tkun imwaħħla, meta applikabbli, b'mod viżibbli, leġibbli u li ma jitħassarx fuq il-UA, sakemm dan ma jkunx possibbli jew mhux ġustifikat minħabba d-daqs tal-prodott, u fuq l-imballaġġ.
4. Il-markatura CE u, fejn applikabbli, l-indikazzjoni tal-livell ta' potenza akustika u t-tikketta għall-identifikazzjoni tal-klassi tal-UA għandhom jitwaħħlu qabel ma l-prodott jitqiegħed fis-suq.
5. Il-markatura CE għandu jkollu warajh in-numru tal-identifikazzjoni tal-korp innotifikat meta tiġi applikata l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità stipulata fil-Parti 9 tal-Anness.

In-numru ta' identifikazzjoni tal-korp innotifikat għandu jitwaħħal mill-korp innotifikat innifsu jew fuq istruzzjonijiet tiegħu, mill-manifattur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

6. L-Istati Membri għandhom jibnu fuq il-mekkaniżmi eżistenti biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tar-reġim li jirregola l-markatura CE u għandhom jieħdu l-azzjoni xierqa fil-każ ta' użu mhux korrett ta' dik il-markatura.

*Artikolu 17***Id-dokumentazzjoni teknika**

1. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi d-data u d-dettalji rilevanti kollha tal-mezzi li juża l-manifattur biex jiżgura li l-prodott jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Partijiet 1 sa 6 tal-Anness. Tal-anqas għandu jkun fiha l-elementi stabbiliti fil-Parti 10 tal-Anness.
2. Id-dokumentazzjoni teknika għandha titfassal qabel ma l-prodott jitqiegħed fis-suq u għandha tiġi aġġornata kontinwament.
3. Id-dokumentazzjoni teknika u l-korrispondenza marbuta mal-proċedura tal-eżami tat-tip tal-UE jew mal-valutazzjoni tas-sistema tal-kwalità tal-manifattur għandhom jifasslu f'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-korp innotifikat ikun stabbilit jew f'lingwa aċċettabbli għall-korp.
4. Meta d-dokumentazzjoni teknika ma tikkonformax mal-paragrafi 1, 2 jew 3 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità ta' sorveljanza tas-suq tista' titlob lill-manifattur jew lill-importatur biex jara li jitwettaq test minn korp meqjus aċċettabbli mill-awtorità ta' sorveljanza tas-suq bl-ispejjeż imġarrba mill-manifattur jew l-importatur f'perjodu speċifikat biex tiġi verifikata l-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Partijiet 1 sa 6 tal-Anness li japplikaw għalih.

TAQSIMA 4

Notifika ta' korpi ta' valutazzjoni ta' konformità*Artikolu 18***Notifika**

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar il-korpi awtorizzati biex iwettqu kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità minn partijiet terzi skont dan il-Kapitolu.

Artikolu 19

Awtoritajiet ta' notifika

1. Stati Membri għandhom jinnominaw awtorità ta' notifika li tkun responsabbli biex tistabbilixxi u tesegwixxi l-proċeduri meħtieġa għall-valutazzjoni u n-notifika ta' korpi tal-valutazzjoni tal-konformità u għall-monitoraġġ ta' korpi nnotifikati, inklużi l-konformità tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24.
2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-valutazzjoni u l-monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru minn korp nazzjonali ta' akkreditament skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.
3. Fejn l-awtorità ta' notifika tiddelega jew inkella tafda l-valutazzjoni, in-notifika jew il-monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 1 lil korp li ma jkunx entità governattiva, dak il-korp għandu jkun entità legali u għandu jikkonforma *mutatis mutandis* mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 20. Barra minn hekk, għandu jkollu arranġamenti biex ikopri obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-attivitajiet tiegħu.
4. L-awtorità ta' notifika għandha tiegħu responsabbiltà sħiħa għall-kompiti mwettqa mill-korp imsemmi fil-paragrafu 3.

Artikolu 20

Rekwiżiti marbuta mal-awtoritajiet ta' notifika

1. Awtorità ta' notifika:
 - (a) għandha tiġi stabbilita b'tali mod li ma toħloqx kunflitti ta' interess ma' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità;
 - (b) għandha tkun organizzata u operata b'mod li jissalvagwarda l-oġġettività u l-imparzjalità tal-attivitajiet tagħha;
 - (c) għandha tkun organizzata b'tali mod li kull deċiżjoni li tirrigwarda n-notifika ta' korp ta' valutazzjoni tal-konformità tittieħed minn persuni kompetenti differenti minn dawk li jkunu għamlu l-valutazzjoni;
 - (d) ma għandhiex toffri jew tipprovi kwalunkwe attività li ssir minn korpi tal-valutazzjoni tal-konformità, jew servizzi ta' konsulenza fuq bażi kummerċjali jew kompetittiva;
 - (e) għandha tissalvagwardja l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miksuba;
 - (f) għandu jkollha biżżejjed persunal kompetenti għad-dispożizzjoni tagħha għall-prestazzjoni korretta tal-kompiti tagħha.

Artikolu 21

Obbligu ta' informazzjoni fuq l-awtoritajiet ta' notifika

1. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar il-proċeduri tagħhom għall-valutazzjoni u n-notifika ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità u dwar il-monitoraġġ tal-korpi ta' notifika, u dwar kwalunkwe bidla fihom.
2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli pubblikament.

Artikolu 22

Rekwiżiti marbuta mal-korpi nnotifikati

1. Għall-finijiet tan-notifika, korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi minn 2 sa 11.
2. Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkun stabbilit skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru u għandu jkollu personalità ġuridika.
3. Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkun korp ta' parti terza indipendenti mill-organizzazzjoni li jivvaluta.

Korp li jkun jappartjeni lil xi assoċjazzjoni kummerċjali jew federazzjoni professjonali li tkun tirrappreżenta intrapriżi involuti fid-disinn, il-manifattura, il-provvista, il-muntaġġ, l-użu jew il-manutenzjoni tal-prodott li huwa jivvaluta, jista', bil-kundizzjoni li l-indipendenza tiegħu u n-nuqqas ta' kull konflitt ta' interess jintwerew, jitqies bħala tali korp ta' valutazzjoni tal-konformità.

4. Korp ta' valutazzjoni tal-konformità, l-ogħla livell tal-ġestjoni tiegħu u l-persunal responsabbli mit-tweqqif tal-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità ma għandhomx ikunu d-disinjatur, il-manifattur, il-fornitur, l-installatur, ix-xerrej, is-sid, l-utent jew dak responsabbli mill-manutenzjoni tal-prodott li huma jivvalutaw, u lanqas ir-rappreżentant ta' xi waħda minn dawk il-partijiet. Dan ma għandux jipprekludi l-użu tal-prodott ivvalutat li hu neċessarju għall-operazzjonijiet tal-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jew l-użu ta' prodott bħal dan għal għanijiet personali.

Korp ta' valutazzjoni ta' konformità, l-ogħla livell tal-ġestjoni tiegħu u l-persunal responsabbli biex iwettaq il-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità ma għandhomx ikunu direttament involuti fid-disinn, il-manifattura jew il-konstruzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni, l-installazzjoni, l-użu jew il-manutenzjoni ta' dak il-prodott, lanqas ma għandhom jirrappreżentaw lill-partijiet li jwettqu dawk l-attivitajiet. Dawn ma għandhom ikunu involuti fl-ebda attività li tista' toħloq kunflitt mal-indipendenza tal-ġudizzju jew l-integrità tagħhom b'rabta mal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità li għalihom huma jkunu nnotifikati. Dan għandu japplika, b'mod partikolari, għas-servizzi ta' konsulenza.

Korpi tal-evalwazzjoni tal-konformità għandhom jiżguraw li l-attivitajiet tas-sussidjarji jew is-subappaltaturi tagħhom ma jippreġudikawx il-kunfidenzjalità, l-oġġettività jew l-imparzjalità tal-attivitajiet tal-evalwazzjoni tal-konformità tagħhom.

5. Korpi tal-valutazzjoni tal-konformità u l-persunal tagħhom għandhom iwettqu l-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità bl-ogħla livell ta' integrità professjonali u l-kompetenza teknika meħtieġa fil-qasam speċifiku u għandhom ikunu ħielsa minn kull pressjoni u tentazzjoni, partikolarment finanzjarji, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati tal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità tagħhom, speċjalment fir-rigward ta' persuni jew gruppi ta' persuni b'interess fir-riżultati ta' dawk l-attivitajiet.

6. Il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jkun kapaċi jwettaq il-kompiti kollha tal-valutazzjoni tal-konformità assenjata lill-permezz tal-Parti 8 jew 9 tal-Anness fir-rigward tagħhom ikun ġie nnotifikat, kemm jekk dawk il-kompiti jsiru mill-korp stess tal-valutazzjoni tal-konformità kif ukoll jekk f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

F'kull żmien u għal kull proċedura tal-evalwazzjoni tal-konformità u għal kull tip jew kategorija ta' prodott li dwarhom ikun innotifikat, korp tal-evalwazzjoni tal-konformità għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu in-neċessitajiet li ġejjin:

- (a) persunal b'għarfien tekniku u b'esperjenza suffiċjenti u xierqa biex iwettaq il-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità;
- (b) deskrizzjonijiet ta' proċeduri li f'konformità magħhom titwettaq il-valutazzjoni tal-konformità, filwaqt li jiġu żgurati t-trasparenza u l-kapaċità ta' riproduzzjoni ta' dawk il-proċeduri; hu għandu jkollu l-politiki u l-proċeduri xierqa li jiddistingwu bejn ħidmiet li jwettaq bħala korp innotifikat u attivitajiet oħra;
- (c) proċeduri għat-tweqqif ta' attivitajiet li jqisu kif xieraq id-daqs tal-impriża, is-settur li topera fih, l-istruttura tagħha, il-grad ta' kumplessità tal-prodott ikkonċernat u n-natura ta' massa jew ta' serje tal-proċess ta' produzzjoni.

Korp tal-evalwazzjoni tal-konformità għandu jkollu l-mezzi neċessarji biex jagħmel ix-xogħlijiet tekniċi u amministrattivi konnessi mal-attivitajiet tal-evalwazzjoni tal-konformità b'mod xieraq u għandu jkollu aċċess għat-tagħmir u l-faċilitajiet meħtieġa.

7. Il-persunal responsabbli biex iwettaq il-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkollu dawn li ġejjin:

- (a) taħriġ tekniku u vokazzjonali sod li jkopri l-attivitajiet kollha ta' valutazzjoni tal-konformità li għalihom il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jkun ġie nnotifikat;
- (b) għarfien sodisfaċenti tar-rekwiżiti tal-valutazzjonijiet li jsiru minnhom u awtorità adegwata biex jagħmlu dawk il-valutazzjonijiet;
- (c) għarfien xieraq u fehim tar-rekwiżiti, tal-istandards armonizzati applikabbli u tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni;
- (d) il-kapaċità li jħejji ċertifikati tal-eżami tat-tip tal-UE jew approvazzjonijiet tas-sistema tal-kwalità, reġistri u rapporti li juru li l-valutazzjonijiet ikunu saru.

8. Għandha tkun iggarantita l-imparzjalità tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, tal-maniġment superjuri tagħhom u tal-persunal responsabbli biex iwettaq il-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità.

Ir-rimunerazzjoni ta' dawk fl-ogħla livell tal-ġestjoni u tal-persunal responsabbli biex iwettaq il-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità ta' korp tal-valutazzjoni tal-konformità ma għandhiex tiddependi fuq l-għadd ta' valutazzjonijiet li jsiru jew fuq ir-riżultati ta' dawk il-valutazzjonijiet.

9. Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom joħorġu polza ta' assicurazzjoni ta' responsabbiltà dment li l-Istat Membru ma jassumix ir-responsabbiltà skont il-liġi nazzjonali, jew dment li l-Istat Membru nnifsu ma jkunx direttament responsabbli għall-valutazzjoni tal-konformità.

10. Il-persunal ta' korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu josserva s-segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba meta jwettaq il-kompiti tiegħu skont il-Partijiet 8 u 9 tal-Anness jew kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li ddaħħalhom fis-seħħ, ħlief fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih jitwettqu l-attivitajiet tiegħu. Id-drittijiet ta' proprjetà għandhom ikunu protetti.

11. Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom jipparteċipaw fi, jew jiżguraw li l-persunal tagħhom responsabbli mit-twettiq tal-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità jkun mgħarraf bl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni rilevanti, l-attivitajiet regolatorji fil-qasam tal-UAS u tal-ippjanar tal-frekwenzi, u l-attivitajiet tal-grupp ta' koordinazzjoni tal-korp innotifikat stabbilit taħt il-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni rilevanti u għandhom japplikaw bħala gwida ġenerali d-deċizzjonijiet amministrattivi u d-dokumenti prodotti bħala riżultat tax-xogħol ta' dak il-grupp.

Artikolu 23

Preżunzjoni ta' konformità ta' korpi nnotifikati

Fejn korp tal-evalwazzjoni tal-konformità juri l-konformità tiegħu mal-kriterji stabbiliti bl-istandards armonizzati jew ma' partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, huwa għandu jkun preżunt konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 22 sakemm l-istandards armonizzati applikabbli jkopru dawk ir-rekwiżiti.

Artikolu 24

Sussidjarji u sottokuntrattar minn korpi nnotifikati

1. Meta korp innotifikat jagħti b'sottokuntratt kompiti speċifiċi konnessi mal-valutazzjoni tal-konformità jew iqabbaq sussidjarju, huwa għandu jiżgura li s-sottokuntrattur jew is-sussidjarju jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 22 u għandu jinforma lill-awtorità ta' notifika dwar dan.
2. Korpi nnotifikati għandhom jerfġu r-responsabbiltà sħiħa tax-xogħlijiet li jkunu saru mis-subappaltaturi jew is-sussidjarji, kull meta jiġu stabbiliti.
3. L-attivitajiet jistgħu jingħataw b'sottokuntratt jew jitwettqu minn sussidjarju biss meta jkun hemm il-qbil tal-klijent.
4. Il-korpi nnotifikati għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-awtorità ta' notifika d-dokumenti rilevanti dwar il-valutazzjoni tal-kwalifiki tas-sottokuntrattur jew tas-sussidjarju u tax-xogħol imwettaq minnhom skont il-Partijiet 8 u 9 tal-Anness.

Artikolu 25

Applikazzjoni għal notifika

1. Korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jissottometti applikazzjoni għal notifika lill-awtorità ta' notifika tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit.
2. L-applikazzjoni għal notifika għandha tiġi akkumpanjata minn deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità, il-modulu jew moduli ta' valutazzjoni ta' konformità, u l-prodott li għalih il-korp jiddikjara li huwa kompetenti, kif ukoll permezz ta' ċertifikat ta' akkreditament maħruġ minn korp ta' akkreditament nazzjonali li juri li l-korp tal-valutazzjoni tal-konformità jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 22.

Artikolu 26

Proċedura tan-notifika

1. L-awtoritajiet ta' notifika jistgħu jinnotifikaw biss lil korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jkunu ssodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 22.
2. Dawn għandhom jinnotifikaw il-korpi tal-evalwazzjoni tal-konformità lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-mezz elettroniku ta' notifika żviluppat u mħaddem mill-Kummissjoni.
3. In-notifika għandha tinkludi d-dettalji kollha dwar l-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità, tal-modulu jew moduli tal-valutazzjoni tal-konformità, u tal-prodott ikkonċernat u taċ-ċertifikazzjoni rilevanti ta' akkreditament.
4. Il-korp ikkonċernat jista' jwettaq l-attivitajiet ta' korp innotifikat biss jekk ma titqajjem l-ebda oġġezzjoni mill-Kummissjoni jew minn Stati Membri oħra fi żmien ġimagħtejn (2) mid-data ta' notifika.
5. Korp bħal dan biss għandu jitqies bħala korp innotifikat għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu.
6. L-awtorità ta' notifika għandha tinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'kull tibdil rilevanti sussegwenti fin-notifika.

*Artikolu 27***Numri ta' identifikazzjoni u listi ta' korpi nnotifikati**

1. Il-Kummissjoni għandha tassenja numru ta' identifikazzjoni lil korp innotifikat.
2. Għandha tassenja numru wieħed bħal dan, anki fil-każ fejn il-korp ikun innotifikat skont diversi atti tal-Unjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista tal-korpi nnotifikati skont dan ir-Regolament, inklużi n-numri ta' identifikazzjoni li jkunu ġew assenjati lilhom u l-attivitajiet li dwarhom ikunu ġew innotifikati.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-lista tinżamm aġġornata.

*Artikolu 28***Tibdil fin-notifiki**

1. Fejn awtorità ta' notifika taċċerta ruħha jew tkun infurmata li korp innotifikat ma jkunx għadu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 22, jew li jonqos milli jaqdi l-obbligi tiegħu, l-awtorità ta' notifika għandha tillimita, tissospendi jew tirtira n-notifika, kif xieraq, skont kemm ikun gravi n-nuqqas fir-rigward tar-rekwiżiti jew tal-obbligi li jridu jiġu ssodisfati. Hija għandha tgħarraf minnufih b'dan lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, skont il-każ.
2. Fil-każ ta' restrizzjoni, sospensjoni jew irtirar ta' notifika, jew fejn il-korp innotifikat ma jkunx għadu attiv, l-Istat Membru ta' notifika għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura li l-fajls ta' dak il-korp jiġu pproċessati minn korp innotifikat ieħor jew jinżammu disponibbli għall-awtorità ta' notifika u għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-susponsabbli, fuq talba tagħhom.

*Artikolu 29***Kontestazzjoni tal-kompetenza ta' korpi nnotifikati**

1. Il-Kummissjoni għandha tinvestiga l-każijiet kollha fejn ikollha dubju jew issir taf b'dubju dwar il-kompetenza ta' korp innotifikat jew l-issoktar tal-osservanza ta' korp innotifikat mar-rekwiżiti u r-responsabbiltajiet li għalihom huwa jkun soġġett.
2. L-Istat Membru ta' notifika għandu jipprovi lill-Kummissjoni, fuq talba, bl-informazzjoni kollha relatata mal-bażi għan-notifika jew iż-żamma tal-kompetenza tal-korp innotifikat ikkonċernat.
3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni sensittiva kollha miksuba matul l-investigazzjonijiet tagħha tiġi trattata b'mod kunfidenzjali.
4. Fejn il-Kummissjoni taċċerta ruħha li korp innotifikat ma jissodisfax jew ma jkunx għadu jissodisfa r-rekwiżiti għan-notifika, hija għandha tgħarraf b'dan lill-Istat Membru kif xieraq u titolbu jieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa, inkluż id-denotifika, jekk ikun meħtieġ.

*Artikolu 30***Obbligi operazzjonali tal-korpi nnotifikati**

1. Il-korpi nnotifikati għandhom jagħmlu l-valutazzjonijiet ta' konformità skont il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fil-Partijiet 8 u 9 tal-Anness.
2. Il-valutazzjonijiet tal-konformità għandhom jitwettqu b'mod proporzjonat, billi jiġu evitati piżijiet bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi. Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom iwettqu l-attivitajiet tagħhom billi jieħdu kont debitu tad-daqs tal-imprezza, is-settur li fiha hija topera, l-istruttura tagħha, il-livell ta' kumplessità tal-prodott ikkonċernat u tan-natura massiva jew serjali tal-proċess ta' produzzjoni.

B'dan il-mod huma għandhom madankollu jirrispettaw il-grad ta' rigorożità u l-livell ta' protezzjoni rikjest biex il-UA jew il-UAS tkun konformi ma' dan il-Kapitolu.

3. Fejn korp innotifikat isib li ma ġewx issodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fil-Partijiet 1 sa 6 tal-Anness jew fl-istandards armonizzati korrispondenti jew speċifikazzjonijiet tekniċi oħra mill-manifattur, huwa għandu jesiġi mingħand il-manifattur li dan jieħu miżuri korrettivi xierqa u ma għandu joħroġ ebda ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE jew approvazzjoni tas-sistema ta' kwalità.

4. Fejn, waqt li jkun qiegħed isir monitoraġġ tal-konformità wara l-ħruġ ta' ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE jew approvazzjoni tas-sistema ta' kwalità, korp innotifikat isib li prodott ma jkunx għadu konformi, il-korp innotifikat għandu jesiġi mingħand il-manifattur li dan jieħu miżuri korrettivi adegwati u għandu jissospendi jew jirtira ċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE jew l-approvazzjoni tas-sistema ta' kwalità jekk ikun meħtieġ.
5. Fejn ma jittieħdux miżuri korrettivi jew il-miżuri korrettivi li jittieqħdu ma jkollhomx l-effett mixtieq, il-korp innotifikat għandu jillimita, jissospendi jew jirtira kull ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE jew approvazzjoni tas-sistema ta' kwalità, skont il-każ.

Artikolu 31

Appell kontra deċiżjonijiet tal-korpi nnotifikati

Il-korpi nnotifikati għandhom jiżguraw li tkun disponibbli proċedura ta' appell trasparenti u aċċessibbli kontra d-deċiżjonijiet tagħhom.

Artikolu 32

Obbligi ta' informazzjoni għall-korpi nnotifikati

1. Il-korpi nnotifikati għandhom jinformat lill-awtorità ta' notifika dwar dan li ġej:
 - (a) kull rifjut, restrizzjoni, sospensjoni jew irtirar ta' ċertifikat ta' eżami tat-tip tal-UE jew approvazzjoni ta' sistema ta' kwalità skont ir-rekwiżiti tal-Partijiet 8 u 9 tal-Anness;
 - (b) kull ċirkustanza li jkollha effett fuq l-ambitu jew il-kundizzjonijiet għan-notifika;
 - (c) kwalunkwe talba għal informazzjoni li huma jkunu rċevew minn awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq rigward attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità;
 - (d) fuq talba, l-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità li jsiru fil-kamp ta' applikazzjoni tan-notifika tagħhom u kwalunkwe attività oħra mwettqa, inklużi attivitajiet transfruntiera u sottokuntrattar.
2. Il-korpi nnotifikati għandhom, skont ir-rekwiżiti tal-Partijiet 8 u 9 tal-Anness, jipprovdu lill-korpi l-oħra nnotifikati skont dan il-Kapitolu li jkunu qed iwettqu attivitajiet simili ta' valutazzjoni tal-konformità u li jkunu jkopru l-istess kategoriji tal-UA jew tal-UAS, l-informazzjoni rilevanti dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw riżultati negattivi ta' valutazzjoni tal-konformità u, fuq talba, l-informazzjoni rilevanti dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw riżultati pożittivi.
3. Il-korpi nnotifikati għandhom jissodisfaw l-obbligi ta' informazzjoni skont il-Partijiet 8 u 9 tal-Anness.

Artikolu 33

Skambju ta' esperjenza

Il-Kummissjoni għandha tipprevedi l-organizzazzjoni ta' skambji ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri responsabbli mill-politika tan-notifiki.

Artikolu 34

Koordinazzjoni ta' korpi nnotifikati

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġu implimentati u operati kif xieraq koordinazzjoni u kooperazzjoni xierqa bejn il-korpi nnotifikati skont dan il-Kapitolu fil-forma ta' grupp settorjali ta' korpi nnotifikati.
2. Il-korpi nnotifikati għandhom jieħdu sehem fil-ħidma ta' dak il-grupp, b'mod dirett jew permezz ta' rappreżentanti nnominati.

TAQSIMA 5

Is-sorveljanza tas-suq tal-Unjoni, il-kontroll tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni u l-proċedura ta' salvagwardja tal-Unjoni

Artikolu 35

Sorveljanza tas-suq u kontroll tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni

1. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw u jwettqu s-sorveljanza skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 15 u l-Artikoli 16 sa 26 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-prodotti li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw u jwettqu l-kontroll skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu 15 u l-Artikoli 27, 28 u 29 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tagħhom ta' sorveljanza tas-suq u ta' kontroll fuq il-fruntiera jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti nominati skont l-Artikolu 17 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 dwar kwistjonijiet ta' sikurezza u għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa ta' komunikazzjoni u ta' koordinazzjoni bejniethom, billi jagħmlu l-aħjar użu tal-informazzjoni li tinsab fis-sistema ta' rapportar tal-okkorrenzi definita fir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁴⁾ u s-sistemi ta' informazzjoni definiti fl-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

Artikolu 36

Proċedura għat-trattament ta' prodotti li jippreżentaw riskju fil-livell nazzjonali

1. Meta l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq fi Stat Membru jkunu hađu azzjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, jew meta jkollhom biżżejjed raġuni biex jemmnu li tagħmir ikun jippreżenta riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tan-nies jew ta' aspetti oħra tal-protezzjoni tal-interess pubbliku koperti minn dan il-Kapitolu, huma għandhom iwettqu evalwazzjoni fir-rigward tal-prodott ikkonċernat li tkun tkopri r-rekwiżiti applikabbli kollha stipulati f'dan il-Kapitolu. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw skont kif ikun meħtieġ mal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għal dak il-għan.

Fejn, tul l-evalwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq isibu li l-prodott ma jkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu, huma għandhom mingħajr dewmien jeżiġu li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-azzjonijiet korrettivi kollha xierqa biex il-prodott isir konformi ma' daww ir-rekwiżiti, li jirtira l-prodott mis-suq jew li jieħdu lura fi żmien raġonevoli li jkun jaqbel man-natura tar-riskju, skont kif jistabbilixxu.

L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jinfurmaw b'dan lil korp innotifikat rilevanti.

L-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandu japplika għall-miżuri msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

2. Fejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq iqisu li n-nuqqas ta' konformità ma jkunx limitat għat-territorju nazzjonali tagħhom, huma għandhom jinformaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bir-riżultati tal-evalwazzjoni u bl-azzjonijiet li esiġew li jieħu l-operatur ekonomiku.

3. L-operatur ekonomiku għandu jiżgura li jittieħdu l-miżuri korrettivi xierqa kollha fir-rigward tal-prodotti kkonċernati kollha li huwa jkun qiegħed fis-suq fl-Unjoni kollha.

4. Fejn l-operatur ekonomiku rilevanti ma jiħux azzjoni korrettiva xierqa fil-perjodu ta' żmien imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu l-miżuri provviżorji xierqa kollha biex jipprojbixxu jew jillimitaw li l-prodott jitqiegħed fis-suq nazzjonali tagħhom jew biex il-prodott jiġi irtirat minn dak is-suq jew biex dan jissejjaħ lura.

L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, mingħajr dewmien, b'dawn il-miżuri.

5. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 għandha tinkludi d-dettalji disponibbli kollha, partikolarment id-data neċessarja għall-identifikazzjoni tal-prodott li mhux konformi, l-oriġini tal-prodott, in-natura tal-allegat nuqqas ta' konformità u r-riskju involut, in-natura u l-perjodu tal-miżuri nazzjonali li jkunu ttieħdu u l-argumenti mressqa mill-operatur ekonomiku rilevanti. B'mod partikolari, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jindikaw jekk in-nuqqas ta' konformità jkunx dovut għal xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) nuqqas min-naħa tal-prodott biex jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4;

(b) nuqqasijiet fl-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 12.

6. L-Istati Membri, barra mill-Istat Membru li jkun beda l-proċedura skont dan l-Artikolu, għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'kull miżura adottata u kull informazzjoni addizzjonali fuq in-nuqqas tal-konformità tal-prodott ikkonċernat għad-dispożizzjoni tagħhom, u, jekk ma jkunx hemm qbil fuq il-miżura nazzjonali adottata, dwar l-oġġezzjonijiet tagħhom.

⁽¹⁴⁾ Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar ir-rappurtar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 u (KE) Nru 1330/2007 (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 18).

7. Fejn, fi żmien tliet xhur minn meta tasal l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 5, ma tkun tressqet l-ebda oġġezzjoni minn xi Stat Membru jew mill-Kummissjoni fuq miżura provviżorja meħuda minn Stat Membru, dik il-miżura għandha titqies li tkun ġustifikata.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri restrittivi adegwati fir-rigward tal-prodott ikkonċernat, bħall-irtirar tal-prodott mis-suq, mingħajr dewmien.

Artikolu 37

Proċedura ta' protezzjoni tal-Unjoni

1. Fejn, ladarba titlesta l-proċedura stabbilita fil-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 36, jitqajmu oġġezzjonijiet kontra miżura meħuda minn Stat Membru, jew fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li miżura nazzjonali tmur kontra l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tikkonsulta mal-Istati Membri u mal-operatur jew l-operaturi ekonomiċi rilevanti u għandha tevalwa l-miżura nazzjonali. Abbażi tar-risultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar jekk il-miżura nazzjonali hijiex ġustifikata jew le.

Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u għandha tikkomunikaha minnufih lilhom u lill-operatur jew operaturi ekonomiċi rilevanti.

2. Jekk il-miżura nazzjonali titqies ġustifikata, l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-prodott li ma jkunx konformi jiġi rtirat jew imsejjaħ lura mis-swieq tagħhom, u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni skont il-każ. Jekk il-miżura nazzjonali titqies li ma tkunx ġustifikata, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirtira dik il-miżura.

3. Meta l-miżura nazzjonali titqies ġustifikata u n-nuqqas ta' konformità tal-prodott ikun attribwit għal nuqqasijiet fl-istandards armonizzati msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 5 tal-Artikolu 36 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tapplika l-proċedura prevista fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

Artikolu 38

Prodott konformi li jippreżenta riskju

1. Fejn Stat Membru, wara li jkun wettaq valutazzjoni skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu (36), isib li, għalkemm il-prodott ikun konformi ma' dan il-Kapitolu, ikun jippreżenta riskju għas-saħħa jew is-sigurtà tal-persuni jew għal aspetti oħra ta' protezzjoni ta' interess pubbliku koperti minn dan il-Kapitolu, huwa għandu jeżiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jiżgura li l-prodott ikkonċernat, meta jitqiegħed fis-suq, ma jippreżentax aktar dak ir-riskju, jirtira l-prodott mis-suq jew jieħdu lura fi żmien raġonevoli li jkun jaqbel man-natura tar-riskju, skont kif hu jstabbilixxi.

2. L-operatur ekonomiku għandu jiżgura li tittieħed azzjoni korrettiva fir-rigward tal-prodotti kollha li huwa jkun qiegħed fis-suq fl-Unjoni kollha.

3. L-Istat Membru għandu jgħarraf immedjatament lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, partikolarment id-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-prodott ikkonċernat, l-orijini u l-katina tal-provvista tal-prodott, in-natura tar-riskju involut u n-natura u t-tul ta' żmien tal-miżuri nazzjonali meħuda.

4. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tidħol f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-operatur ekonomiku jew l-operaturi ekonomiċi rilevanti u għandha tevalwa l-miżuri nazzjonali meħuda. Abbażi tar-risultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk il-miżura nazzjonali tkunx ġustifikata jew le, u fejn ikun meħtieġ, tipponi miżuri adatti.

5. Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u għandha tikkomunikaha minnufih lilhom u lill-operatur jew operaturi ekonomiċi rilevanti.

Artikolu 39

Nuqqas ta' konformità formali

1. Bla ħsara għall-Artikolu 36, fejn Stat Membru jasal għal xi waħda mis-sejbiet li ġejjin rigward prodotti koperti minn dan il-Kapitolu, dan għandu jeżiġi lill-operatur ekonomiku rilevanti itemm dak in-nuqqas ta' konformità kkonċernat:

(a) il-markatura CE tkun twaħħlet bi ksur tal-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 jew tal-Artikolu 15 jew tal-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament;

(b) il-markatura CE jew tat-tip ma tkunx twaħħlet;

- (c) in-numru tal-identifikazzjoni tal-korp innotifikat, meta tkun applikata l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità stabbilita fil-Parti 9 tal-Anness, ikun twaħħal bi ksur tal-Artikolu 16 jew ma jkunx twaħħal;
 - (d) it-tikketta tal-identifikazzjoni tal-klassi tal-UA ma twaħħlitx;
 - (e) l-indikazzjoni tal-livell ta' potenza akustika jekk meħtieġa ma tkunx twaħħlet;
 - (f) in-numru tas-serje ma twaħħalx inkella ma għandux il-format korrett;
 - (g) il-manwal jew l-avviż ta' informazzjoni mhux disponibbli;
 - (h) id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE ma tkunx preżenti jew ma tkunx tfasslet;
 - (i) id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE ma tkunx saret b'mod korrett;
 - (j) id-dokumentazzjoni teknika ma tkunx disponibbli jew ma tkunx kompleta;
 - (k) l-isem tal-manifattur jew tal-importatur, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata, l-indirizz tas-sit elettroniku jew l-indirizz postali ma jkunx preżenti.
2. Fejn jippersisti n-nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 1, l-Istat Membru konċernat għandu jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jillimita jew jipprojbixxi li l-prodott jitqiegħed fis-suq jew jiżgura li dan jiġi rtirat jew jittieħed lura mis-suq.

KAPITOLU III

UAS li joperaw fil-kategoriji "ċertifikati" u "speċifiċi"

Artikolu 40

Rekwiżiti għal UAS li joperaw fil-kategoriji "ċertifikati" u "speċifiċi"

1. Id-disinn, il-produzzjoni u l-manutenzjoni tal-UAS għandhom jiġu ċertifikati jekk il-UAS tissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) għandha dimensjoni karatteristika ta' 3 m jew aktar, u hija ddisinjata biex titħaddem fuq gemaħta ta' persuni;
 - (b) hija ddisinjata biex tittrasporta n-nies;
 - (c) hija ddisinjata biex tittrasporta oġġetti perikolużi u teħtieġ livell għoli ta' robustezza biex jittaffew ir-riskji għal partijiet terzi f'każ ta' aċċident;
 - (d) tintuża fil-kategorija "speċifika" ta' operazzjonijiet definita fl-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 u l-awtorizzazzjoni tat-tħaddim maħruġa mill-awtorità kompetenti, wara li mill-valutazzjoni tar-riskju prevista fl-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947, jirriżulta li r-riskju tal-operazzjoni ma jistax jittaffa b'mod adegwat mingħajr iċ-ċertifikazzjoni tal-UAS.
2. UAS soġġetta għal ċertifikazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 ⁽¹⁵⁾, (UE) Nru 640/2015 ⁽¹⁶⁾ u (UE) Nru 1321/2014 ⁽¹⁷⁾.
3. Sakemm ma jkunx meħtieġ li tiġi ċertifikata skont il-paragrafu 1, UAS li tintuża fil-kategorija "speċifika" għandu jkollha l-kapaċitajiet tekniċi stipulati fl-awtorizzazzjoni tat-tħaddim maħruġa mill-awtorità kompetenti jew fix-xenarju standard definit fl-Appendiċi 1 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 jew kif definit permezz taċ-Ċertifikat ta' Operatur tal-UAS ħfief (LUC) skont il-Parti C tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947.

KAPITOLU IV

Operaturi ta' UAS minn pajjiżi terzi

Artikolu 41

Operaturi ta' UAS minn pajjiżi terzi

1. L-operaturi ta' UAS li għandhom is-sede prinċipali tagħhom, huma stabbiliti, jew bir-residenza tagħhom f'pajjiż terz, għandhom jikkonformaw mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 għall-fini tal-operazzjonijiet ta' UAS fl-isparju tal-ajru uniku Ewropew.

⁽¹⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 tat-3 ta' Awwissu 2012 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-airworthiness u ambjentali ta' inġenji tal-ajru u ta' prodotti, partijiet u tagħmir relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni (ĠU L 224, 21.8.2012, p. 1).

⁽¹⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/640 tat-23 ta' April 2015 dwar l-ispeċifikazzjonijiet addizzjonali tal-ajrunavigabbiltà għal tip partikolari ta' operazzjonijiet u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012 (ĠU L 106, 24.4.2015, p. 18).

⁽¹⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 362, 17.12.2014, p. 1).

2. L-awtorità kompetenti għall-operatur ta' UAS ta' pajjiż terz għandha tkun l-awtorità kompetenti tal-ewwel Stat Membru fejn l-operatur ta' UAS ikun biħsiebu jopera.
3. B'deroga mill-paragrafu 1, ċertifikat tal-kompetenza ta' bdot mill-bogħod jew tal-operatur ta' UAS f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947, jew dokument ekwivalenti, jista' jiġi rikonossut mill-awtorità kompetenti għall-fini tat-tħaddim fi ħdan, lejn, u barra mill-Unjoni, dment li:
- (a) il-pajjiż terz ikun talab it-tali rikonossiment;
 - (b) iċ-ċertifikat tal-kompetenza ta' bdot mill-bogħod jew iċ-ċertifikat ta' operatur ta' UAS huma dokumenti validi tal-Istat tal-ħruġ; u
 - (c) il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-EASA, żgurat li r-rekwiżiti li fuq il-bażi tagħhom it-tali ċertifikati nħarġu jipprovdu l-istess livell ta' sikurezza bħal dan ir-Regolament.

KAPITOLU V

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 42

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President


Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

PARTI 1

Rekwiżiti għal sistema tal-ajru mingħajr bdot abbord tal-klassi C0

UAS tal-klassi C0 ikollha mwaħħla magħha tikketta għall-identifikazzjoni tal-klassi li ġejja fuq l-UA:



UAS tal-klassi C0 għandha tikkonforma ma' dawn li ġejjin:


- (1) ikollha MTOM ta' anqas minn 250 g, inkluża t-tagħbija utli;
- (2) ikollha veloċità massima f'titjira livell ta' 19-il m/s;
- (3) ikollha għoli massimu li jista' jintlaħaq 'il fuq mill-punt tat-tluq limitat għal 120 m;
- (4) tkun kontrollabbli b'mod sikur fir-rigward tal-istabbiltà, tal-manuvrabbiltà u tal-prestazzjoni tal-link tad-data, minn bdot mill-bogħod li jsegwi l-istruzzjonijiet tal-manifattur, skont kif ikun hemm b'zonn fil-kundizzjonijiet operazzjonali antiċipati kollha inkluż wara li sseħħ ħsara f'sistema xierqa waħda jew, jekk xieraq, aktar;
- (5) tkun imfassla u mibnija b'tali mod li timminimizza l-korriment għall-persuni matul it-tħaddim, ponot jaqtgħu għandhom jiġu evitati, sakemm ma jkunux teknikament inevitabbli skont prattika ta' disinjar u ta' manifattura tajba. Jekk tkun m'għammra bi skrejjen, din għandha tkun imfassla b'tali mod li tillimita kwalunkwe korriment li jista' jkun ikkawżat mix-xfar tal-iskrejjen;
- (6) tkun imħaddma bl-elettriku u jkollha vultaġġ nominali li ma jaqbiżx 1-24 V kurrent dirett (DC) jew il-vultaġġ ekwivalenti tal-kurrent alternat (AC); il-partijiet aċċessibbli tagħha m'għandhomx jaqbżu 1-24 V DC jew il-vultaġġ AC ekwivalenti; il-vultaġġi interni ma għandhomx jisbqu 1-24 V DC jew il-vultaġġ AC ekwivalenti ħlief jekk jiġi żgurat li t-taħlita tal-vultaġġ u l-kurrent iġġenerata ma twassalx għal xi riskju jew xokk elettriku li jagħmel il-ħsara, anki meta l-UAS ikollha l-ħsara;
- (7) jekk tkun m'għammra b'modalità ta' inseqwiment u meta din il-funzjoni tkun attivata, tkun f'medda li ma taqbiżx il-50 m mill-bdot mill-bogħod, u tagħmilha possibbli għall-bdot mill-bogħod biex jerġa' jikseb il-kontroll tal-UA;
- (8) tiġi introdotta fis-suq b'manwal tal-utenti li jipprovdi:
 - (a) il-karatteristiċi tal-UA li jinkludu iżda mhumiex limitati għal dawn li ġejjin:
 - il-klassi tal-UA
 - il-massa tal-UA (b'deskrizzjoni tal-konfigurazzjoni ta' referenza) u l-massa massima tat-tluq (MTOM);
 - il-karatteristiċi ġenerali tat-tagħbijiet utli permessi f'termini ta' dimensjonijiet tal-massa, ta' interfaċċi mal-UA u ta' restrizzjonijiet possibbli oħra;
 - it-tagħmir u s-software għall-kontroll tal-UA mill-bogħod;
 - u deskrizzjoni tal-imġiba tal-UA f'każ ta' telf tal-link tad-data;
 - (b) struzzjonijiet operazzjonali ċari;
 - (c) limitazzjonijiet operazzjonali (li jinkludu iżda mhumiex limitati għall-kundizzjonijiet meteoroloġiċi u għall-operazzjonijiet binhar/billejl); u
 - (d) deskrizzjoni xierqa tar-riskji kollha relatati mal-operazzjonijiet tal-UAS adattati għall-età tal-utent.

- (9) ikun inkluż avviż ta' informazzjoni ppubblikat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) li jipprovdni l-limitazzjonijiet u l-obbligi applikabbli, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947.
- (10) Il-punti 4, 5 u 6 ma japplikawx għall-UAS li huma ġugarelli skont it-tifsira tad-Direttiva 2009/48/KE dwar is-sikurezza tal-ġugarelli.

PARTI 2

Rekwiżiti għal sistema tal-ajru mingħajr bdot abbord tal-klassi C1

UAS tal-klassi C1 ikollha mwaħħla magħha tikketta għall-identifikazzjoni tal-klassi li ġejja fuq l-UA:



UAS tal-klassi C1 għandha tikkonforma ma' dawn li ġejjin:

- (1) tkun magħmula minn materjali u jkollha karatteristiċi tal-prestazzjoni u fiżiċi biex tiżgura li fil-każ ta' impatt f'veloċità terminali ma' ras ta' bniedem, l-enerġija trażmessa lir-ras tal-bniedem tkun ta' anqas minn 80 J jew inkella, bħala alternattiva, għandu jkollha MTOM ta' anqas minn 900 g, inkluża t-tagħbija utli;
- (2) ikollha veloċità massima f'titjira livell ta' 19-il m/s;
- (3) ikollha għoli massimu li tista' tikseb wara l-punt tat-tluġ limitat għal 120 m jew tkun mġhammra b'sistema li tillimita l-għoli fuq is-superfiċje jew fuq il-punt tat-tluġ għal 120 m jew għal valur li jista' jingħażel mill-bdot mill-bogħod. Jekk il-valur ikun jista' jingħażel, il-bdot mill-bogħod għandu jiġi pprovdut b'informazzjoni ċara dwar l-għoli tal-UA fuq is-superfiċje jew il-punt tat-tluġ matul it-titjira.
- (4) tkun kontrollabbli b'mod sikur fir-rigward tal-istabbiltà, tal-manuvrabbiltà u tal-prestazzjoni tal-link tad-data, minn bdot mill-bogħod li jsegwi l-istruzzjonijiet tal-manifattur, skont kif ikun hemm bżonn fil-kundizzjonijiet operazzjonali antiċipati kollha inkluż wara li sseħħ ħsara f'sistema xierqa waħda jew, jekk xieraq, aktar;
- (5) ikollha s-saħħa mekkanika meħtieġa, li tinkludi kwalunkwe fattur ta' sikurezza neċessarju u, fejn xieraq, stabbiltà biex tiflaħ għal kwalunkwe strapazz li tkun soġġetta għalih matul l-użu mingħajr tkissir jew deformazzjoni li jistgħu jinterferixxu mat-titjir sikur tagħha;
- (6) tkun imfassla u mibnija b'tali mod li timminimizza l-korriment għall-persuni matul it-tħaddim, ponot jaqtgħu għandhom jiġu evitati, sakemm ma jkunux teknikament inevitabbli skont prattika ta' disinjar u ta' manifattura tajba. Jekk tkun mġhammra bi skrejjien, din għandha tkun imfassla b'tali mod li tillimita kwalunkwe korriment li jista' jkun ikkawżat mix-xfar tal-iskrejjien;
- (7) fil-każ ta' telf tal-link tad-data, ikollha metodu affidabbli u prevedibbli biex l-UE jirkupra d-data link jew itemm it-titjira b'mod li jnaqqas l-effett fuq il-partijiet terzi fl-ajru jew fuq l-art;
- (8) sakemm ma tkunx UA bi ġwienaħ fissi, ikollha livell tal-potenza akustika LWA garantita ponderat-A determinat skont il-Parti 13 li ma jaqbix il-livelli stabbiliti fil-Parti 15;
- (9) sakemm ma tkunx UA bi ġwienaħ fissi, ikollha indikazzjoni tal-livell tal-potenza akustika garantita ponderat-A imwaħħla fuq l-UA u/jew fuq l-imballaġġ tagħha skont il-Parti 14;
- (10) tkun imħaddma bid-dawl u jkollha vultaġġ nominali li ma jaqbix 1-24 V DC jew il-vultaġġ AC ekwivalenti; il-partijiet aċċessibbli tagħha m'għandhomx jaqbżu 1-24 V DC jew il-vultaġġ AC ekwivalenti; il-vultaġġi interni ma għandhomx jiġbqu 1-24 V DC jew il-vultaġġ AC ekwivalenti ħliet jekk jiġi żgurat li t-taħlita tal-vultaġġ u l-kurrent iġġenerata ma twassalx għal xi riskju jew xokk elettriku li jagħmel il-ħsara, anki meta l-UAS ikollha l-ħsara;
- (11) ikollha numru tas-serje fiżiku uniku konformi mal-istandard ANSI/CTA-2063 *Small Unmanned Aerial Systems Serial Numbers*;


- (12) ikollha sistema diretta għall-identifikazzjoni mill-bogħod li:
- (a) tippermetti li jittella' n-numru tar-reġistrazzjoni tal-operatur tal-UAS fkonformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 u esklussivament skont il-proċess stipulat mis-sistema ta' reġistrazzjoni;
 - (b) tiżgura, f'ħin reali matul id-durata sħiħa tat-titjira, ix-xandira perjodika diretta mill-UA bl-użu ta' protokoll ta' trażmissjoni miftuħ u dokumentat, tad-*data* li ġeja b'mod li jkunu jistgħu jiġu riċevuti b'mod dirett minn apparati mobbli fi ħdan il-medda tax-xandir:
 - i in-numru ta' reġistrazzjoni tal-operatur tal-UAS;
 - ii in-numru tas-serje fiżiku uniku tal-UA konformi mal-istandard ANSI/CTA-2063;
 - iii il-pożizzjoni ġeografika tal-UA u l-ġholi tagħha 'il fuq mis-superfiċe jew fuq il-punt tat-tluġ;
 - iv il-korsa tar-rotta mkejja kif idur l-arloġġ mit-Tramuntana ġeografika u l-veloċità fuq l-art tal-UA; u
 - v il-pożizzjoni ġeografika tal-bdot remot jew, jekk ma tkunx disponibbli, tal-punt tat-tluġ.
 - (c) tiżgura li l-utent ma jistax jimmodifika d-*data* msemmija fil-paragrafu (b) punti ii, iii, iv u v.
- (13) tkun mgħammra b'sistema ta' tagħrif ġeografiku li tipprovdi:
- (a) interfaċċa fejn tiġi llowdjata u aġġornata data li jkun fiha informazzjoni dwar il-limitazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru b'raba mal-pożizzjoni tal-UA u l-altitudni imposta miż-żoni ġeografiċi, kif definiti mill-artikolu 15 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947, li tiżgura li l-proċess ta' llowdjar jew ta' aġġornar tat-tali data ma jiddegradax l-integrità u l-validità tagħha;
 - (b) avviż ta' twissija għall-bdot mill-bogħod meta jiġi individwat ksur potenzjali tal-limitazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru; u
 - (c) informazzjoni għall-bdot mill-bogħod dwar l-istatus tal-UA kif ukoll avviż ta' twissija meta s-sistemi ta' pozzjonament jew ta' navigazzjoni tagħha ma jkunux jistgħu jiżguraw il-funzjonament xieraq tas-sistema ta' tagħrif ġeografiku;
- (14) jekk il-UA jkollha funzjoni li tillimita l-aċċess tagħha għal ċerti żoni jew volumi tal-ispazju tal-ajru, din il-funzjoni għandha topera b'tali mod li tinteraġixxi b'mod mexxej mas-sistema ta' kontroll tat-titjir tal-UA mingħajr ma taffettwa s-sikurezza tat-titjir b'mod avvers; barra minn hekk, għandha tiġi pprovduta informazzjoni ċara lill-bdot mill-bogħod meta l-funzjoni tagħha tipprevjeni lill-UA milli jidħol f'dawn iż-żoni jew dan il-volum tal-ispazju tal-ajru;
- (15) tipprovdi lill-bdot mill-bogħod bi twissija ċara meta l-batterija tal-UA jew l-istazzjon ta' kontroll tagħha tilħaq livell baxx biex il-bdot mill-bogħod ikollu biżżejjed żmien biex jillandja l-UA b'mod sikur;
- (16) tkun mgħammra b'dawl għall-fini:
- (a) tal-kontrollabbiltà tal-UA,
 - (b) tal-viżibbiltà tal-UA billejl, id-disinn tad-dwal għandu jippermetti biex persuna fuq l-art tkun tista' tiddistingwi UA minn inġenju tal-ajru bl-ekwipaġġ;
- (17) jekk tkun mgħammra b'modalità ta' insewiment u meta din il-funzjoni tkun attivata, tkun f'medda li ma taqbiżx il-50 m mill-bdot mill-bogħod, u tagħmilha possibbli għall-bdot mill-bogħod biex jerġa' jikseb il-kontroll tal-UA;
- (18) tiġi introdotta fis-suq b'manwal tal-utenti li jipprovdi:
- (a) il-karatteristiċi tal-UA li jinkludu iżda mhumiex limitati għal dawn li ġejjin:
 - il-klassi tal-UA;
 - il-massa tal-UA (b'deskrizzjoni tal-konfigurazzjoni ta' referenza) u l-massa massima tat-tluq (MTOM);
 - il-karatteristiċi ġenerali tat-tagħbijiet utli permessi f'termini ta' dimensjonijiet tal-massa, ta' interfaċċi mal-UA u ta' restrizzjonijiet possibbli oħra;
 - it-tagħmir u s-software għall-kontroll tal-UA mill-bogħod;
 - referenza tal-protokoll tat-trażmissjoni li jintuża għall-emissjoni tal-identifikazzjoni diretta mill-bogħod;
 - il-livell tal-potenza akustika;
 - u deskrezzjoni tal-imġiba tal-UA f'każ ta' telf tal-link tad-data;

- (b) struzzjonijiet operazzjonali ċari;
 - (c) il-proċedura għat-tluġ tal-limitazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru;
 - (d) struzzjonijiet dwar il-manutenzjoni;
 - (e) il-proċeduri tal-individwazzjoni ta' soluzzjoni;
 - (f) limitazzjonijiet operazzjonali (li jinkludu iżda mhumiex limitati għall-kundizzjonijiet meteoroloġiċi u għall-operazzjonijiet binhar/billejl); u
 - (g) deskrizzjoni xierqa tar-riskji kollha relatati mal-operazzjonijiet tal-UAS;
- (19) ikun inkluż avviż ta' informazzjoni ppubblikat mill-EASA li jipprovdi l-limitazzjonijiet u l-obbligi applikabbli skont id-dritt tal-UE.

PARTI 3

Rekwiżiti għal sistema tal-ajru mingħajr bdot abbord tal-klassi C2

UAS tal-klassi C2 ikollha mwaħħla magħha tikketta għall-identifikazzjoni tal-klassi li ġeja fuq l-UA:



UAS tal-klassi C2 għandha tikkonforma ma' dawn li ġejjin:

- (1) ikollha MTOM ta' anqas minn 4 kg, inkluża t-tagħbija utli;
- (2) ikollha għoli massimu li tista' tikseb wara l-punt tat-tluġ limitat għal 120 m jew tkun mġhamra b'sistema li tillimita l-għoli fuq is-superfiċje jew fuq il-punt tat-tluġ għal 120 m jew għal valur li jista' jingħażel mill-bdot mill-bogħod. Jekk il-valur ikun jista' jingħażel, il-bdot mill-bogħod għandu jiġi pprovdut b'informazzjoni ċara dwar l-għoli tal-UA fuq is-superfiċje jew il-punt tat-tluġ matul it-titjira;
- (3) tkun kontrollabbli b'mod sikur fir-rigward tal-istabbiltà, tal-manuvrabbiltà u tal-prestazzjoni tal-link tad-*data*, minn bdot mill-bogħod b'kompetenza adegwata kif definita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 u li jsegwi l-istruzzjonijiet tal-manifattur, skont kif ikun hemm bżonn fil-kundizzjonijiet operazzjonali antiċipati kollha inkluż wara li sseħħ ħsara f'sistema xierqa waħda jew, jekk xieraq, aktar;
- (4) ikollha s-saħħa mekkanika meħtieġa li tinkludi kwalunkwe fattur ta' sikurezza neċessarju u, fejn xieraq, stabbiltà biex tiflaħ għal kwalunkwe strapazz li tkun soġġetta għalih matul l-użu mingħajr tkissir jew deformazzjoni li jistgħu jinterferixxu mat-titjir sikur tagħha;
- (5) fil-każ ta' UA marbut fiżikament, il-mezz tal-irbit ikollu tul tensili ta' anqas minn 50 m u saħħa mekkanika li ma tkunx anqas minn:
 - (a) għal inġenji tal-ajru itqal mill-arja, 10 darbiet il-piż tal-ajrudina bil-massa massima;
 - (b) għal inġenji tal-ajru eħfef mill-arja, 4 darbiet il-forza eżerċitata mit-taħlita tal-imbottatura statika massima u tal-forza ajrudinamika tal-veloċità permessa massima tar-riħ fit-titjira;
- (6) tkun imfassla u mibnija b'tali mod li timminimizza l-korriment għall-persuni matul it-tħaddim, ponot jaqtgħu għandhom jiġu evitati, sakemm ma jkunux teknikament inevitabbli skont prattika ta' disinjar u ta' manifattura tajba. Jekk tkun mġhamra bi skrejjien, din għandha tkun imfassla b'tali mod li tillimita kwalunkwe korriment li jista' jkun ikkawżat mix-xfar tal-iskrejjien;
- (7) sakemm ma jkunx marbut fiżikament fil-każ ta' telf tal-link tad-*data*, ikollu metodu affidabbli u prevedibbli għall-UA biex jirkupra d-*data* link jew ittemm it-titjira b'mod li jnaqqas l-effett fuq il-partijiet terzi fl-ajru jew fuq l-art;
- (8) sakemm ma jkunx marbut fiżikament, ikun mġhammar b'link tad-*data* li tkun protetta kontra aċċess mhux awtorizzat għall-funzjonijiet ta' kmand u ta' kontroll;


- (9) sakemm ma tkunx UA bi ġwienaħ fissi, tkun mgħammra b'modalità ta' veloċità baxxa li tista' tingħażel mill-bdot mill-bogħod u tillimita l-veloċità massima ta' kruċiera għal mhux aktar minn 3 m/s.
- (10) sakemm ma tkunx UA bi ġwienaħ fissi, ikollha livell tal-potenza akustika LWA garantita ponderat-A determinat skont il-Parti 13 li ma jaqbiżx il-livelli stabbiliti fil-Parti 15;
- (11) sakemm ma tkunx UA bi ġwienaħ fissi, ikollha indikazzjoni tal-livell tal-potenza akustika garantita ponderat-A imwahnha fuq l-UA u/jew fuq l-imballaġġ tagħha skont il-Parti 14;
- (12) tkun imħaddma bl-elettriku u jkollha vultaġġ nominali li ma jaqbiżx l-48 V DC jew il-vultaġġ AC ekwivalenti; il-partijiet aċċessibbli tagħha m'għandhomx jaqbżu t-48 V DC jew il-vultaġġ AC ekwivalenti; il-vultaġġi interni ma għandhomx jisbqu l-48 V DC jew il-vultaġġ AC ekwivalenti ħlief jekk jiġi żgurati li t-taħlita tal-vultaġġ u l-kurrent iġġenerata ma twassalx għal xi riskju jew xokk elettriku li jagħmel il-ħsara, anki meta l-UAS ikollha l-ħsara;
- (13) ikollha numru tas-serje fiżiku uniku konformi mal-istandard ANSI/CTA-2063 *Small Unmanned Aerial Systems Serial Numbers*;
- (14) sakemm ma jkunx marbut fiżikament, ikollu sistema diretta għall-identifikazzjoni mill-bogħod li:
- (a) tippermetti li jittella' n-numru tar-reġistrazzjoni tal-operatur tal-UAS f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 u esklussivament skont il-proċess stipulat mis-sistema ta' reġistrazzjoni;
 - (b) tiżgura, f'ħin reali matul id-durata sħiħa tat-titjira, ix-xandira perijodika diretta mill-UA bl-użu ta' protokoll ta' trażmissjoni miftuħ u dokumentat, tad-*data* li ġeja b'mod li jkun jistgħu jiġu riċevuti b'mod dirett minn apparati mobbli fi ħdan il-medda tax-xandir:
 - i in-numru ta' reġistrazzjoni tal-operatur tal-UAS;
 - ii in-numru tas-serje fiżiku uniku tal-UA konformi mal-istandard ANSI/CTA-2063;
 - iii il-pożizzjoni ġeografika tal-UA u l-ġholi tiegħu 'il fuq mis-superfiċe jew fuq il-punt tat-tluġ;
 - iv il-korsa tar-rotta mkejla kif idur l-arloġġ mit-Tramuntana ġeografika u l-veloċità fuq l-art tal-UA; u
 - v il-pożizzjoni ġeografika tal-bdot remot.
 - (c) tiżgura li l-utent ma jistax jimmodifika d-*data* msemmija fil-paragrafu (b) punti ii, iii, iv u v.
- (15) tkun mgħammra b'funzjoni ta' ġeokonsapevolezza li tipprovdi:
- (a) interfaċċa fejn tiġi llowdjata u aġġornata *data* li jkun fiha informazzjoni dwar il-limitazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru b'rabta mal-pożizzjoni tal-UA u l-altitudni imposta miż-żoni ġeografiċi, kif definiti mill-artikolu 15 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947, li tiżgura li l-proċess ta' llowdjar jew ta' aġġornar ta' din id-*data* ma jiddegradax l-integrità u l-validità tagħha;
 - (b) avviż ta' twissija għall-bdot mill-bogħod meta jiġi individwat ksur potenzjali tal-limitazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru; u
 - (c) informazzjoni għall-bdot mill-bogħod dwar l-istatus tal-UA kif ukoll avviż ta' twissija meta l-pożizzjonament jew in-navigazzjoni tagħha ma jkunux jistgħu jiżguraw il-funzjonament xieraq tas-sistema ta' ġeokonsapevolezza;
- (16) jekk il-UA jkollha funzjoni li tillimita l-aċċess tagħha għal ċerti żoni jew volumi tal-ispazju tal-ajru, din il-funzjoni għandha topera b'tali mod li tintaraġixxi b'mod mexxej mas-sistema ta' kontroll tat-titjir tal-UA mingħajr ma taffettwa s-sikurezza tat-titjir b'mod avvers; barra minn hekk, għandha tiġi pprovduta informazzjoni ċara lill-bdot mill-bogħod meta l-funzjoni tagħha tipprevjeni lill-UA milli jidħol f'dawn iż-żoni jew dan il-volum tal-ispazju tal-ajru;
- (17) tipprovdi lill-bdot mill-bogħod bi twissija ċara meta l-batterija tal-UA jew l-istazzjon ta' kontroll tagħha tilħaq livell baxx b'tali mod li l-bdot mill-bogħod ikollu biżżejjed żmien biex jillandja l-UA b'mod sikur;
- (18) tkun mgħammra b'dawl għall-fini:
- (1) tal-kontrollabbiltà tal-UA;
 - (2) tal-viżibbiltà tal-UA billejl, id-disinn tad-dwal għandu jippermetti biex persuna fuq l-art tkun tista' tiddistingwi UA minn inġenju tal-ajru bl-ekwipaġġ;

- (19) tiġi introdotta fis-suq b'manwal tal-utenti li jipprovdi:
- (a) il-karatteristiċi tal-UA li jinkludu iżda mhumiex limitati għal dawn li ġejjin:
 - il-klassi tal-UA;
 - il-massa tal-UA (b'deskrizzjoni tal-konfigurazzjoni ta' referenza) u l-massa massima tat-tluq (MTOM);
 - il-karatteristiċi ġenerali tat-tagħbijiet utli permessi f'termini ta' dimensjonijiet tal-massa, ta' interfaċċi mal-UA u ta' restrizzjonijiet possibbli oħra;
 - it-tagħmir u s-software għall-kontroll tal-UA mill-bogħod;
 - referenza tal-protokoll tat-trażmissjoni li jintuża għall-emissjoni tal-identifikazzjoni diretta mill-bogħod;
 - il-livell tal-potenza akustika;
 - u deskrezzjoni tal-imġiba tal-UA f'każ ta' telf tal-link tad-data;
 - (b) struzzjonijiet operazzjonali ċari;
 - (c) il-proċedura għat-tluġ tal-limitazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru;
 - (d) struzzjonijiet dwar il-manutenzjoni;
 - (e) il-proċeduri tal-individwazzjoni ta' soluzzjoni;
 - (f) limitazzjonijiet operazzjonali (li jinkludu iżda mhumiex limitati għall-kundizzjonijiet meteoroloġiċi u għall-operazzjonijiet binhar/billejl); u
 - (g) deskrezzjoni xierqa tar-riskji kollha relatati mal-operazzjonijiet tal-UAS;
- (20) ikun inkluż avviż ta' informazzjoni ppubblikat mill-EASA b'limitazzjonijiet u b'obbligi applikabbli skont id-dritt tal-UE.

PARTI 4

Rekwiżiti għal Sistema tal-ajru mingħajr bdot abbord tal-klassi C3

UAS tal-klassi C3 ikollha mwaħħla magħha tikketta għall-identifikazzjoni tal-klassi li ġejja fuq il-UA:



UAS tal-klassi C3 għandha tikkonforma ma' dawn li ġejjin:

- (1) ikollha MTOM ta' anqas minn 25 kg, inkluża t-tagħbija utli, u jkollha dimensjoni karatteristika massima ta' inqas minn 3 m;
- (2) ikollha għoli massimu li jista' jinkiseb 'il fuq mill-punt tat-tluġ limitat għal 120 m jew tkun mgħammra b'sistema li tillimita l-għoli fuq is-superfiċje jew fuq il-punt tat-tluġ għal 120 m jew għal valur li jista' jingħażel mill-bdot mill-bogħod. Jekk il-valur ikun jista' jintagħżel, il-bdot mill-bogħod għandu jiġi pprovdut b'informazzjoni ċara dwar l-għoli tal-UA fuq is-superfiċje jew il-punt tat-tluġ matul it-titjira;
- (3) tkun kontrollabbli b'mod sikur fir-rigward tal-istabbiltà, tal-manuvrabbiltà u tal-prestazzjoni tal-link tad-data, minn bdot b'kompetenza adegwata kif definita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 u li jsegwi l-istruzzjonijiet tal-manifattur, skont kif ikun hemm b'żonn fil-kundizzjonijiet operazzjonali antiċipati kollha inkluż wara li sseħħ ħsara f'sistema xierqa waħda jew, jekk xieraq, aktar


- (4) fil-każ ta' UA marbut fiżikament, il-mezz tal-irbit ikollu tul tensili ta' anqas minn 50 m u saħħa mekkanika li ma tkunx anqas minn:
- (a) għal inġenji tal-ajru itqal mill-arja, 10 darbiet il-piż tal-ajrudina bil-massa massima;
 - (b) għal inġenji tal-ajru eħfef mill-arja, 4 darbiet il-forza eżerċitata mit-taħlita tal-imbottatura statika massima u tal-forza ajrudinamika tal-veloċità permessa massima tar-riħ fit-titjira;
- (5) sakemm ma jkunx marbut fiżikament fil-każ ta' telf tal-link tad-*data*, ikollu metodu affidabbli u prevedibbli għall-UA biex jirkupra d-*data* link jew ittemm it-titjira b'mod li jnaqqas l-effett fuq il-partijiet terzi fl-ajru jew fuq l-art;
- (6) sakemm ma tkunx UA bi ġwienaħ fissi, ikollha indikazzjoni tal-livell tal-potenza akustika L_{WA} garantita ponderat-A determinat skont il-Parti 13 imwahnha fuq il-UA u/jew fuq l-imballaġġ tagħha skont il-Parti 14;
- (7) tkun imħaddma bl-elettriku u jkollha vultaġġ nominali li ma jaqbiżx l-48 V DC jew il-vultaġġ AC ekwivalenti; il-partijiet aċċessibbli tagħha m'għandhomx jaqbz u t-48 V DC jew il-vultaġġ AC ekwivalenti; il-vultaġġi interni ma għandhomx jissbuq l-48 V DC jew il-vultaġġ AC ekwivalenti ħlief jekk jiġi żgurati li t-taħlita tal-vultaġġ u l-kurrent iġġenerata ma twassalx għal xi riskju jew xokk elettriku li jagħmel il-ħsara, anki meta l-UAS ikollha l-ħsara;
- (8) ikollha numru tas-serje fiżiku uniku konformi mal-istandard ANSI/CTA-2063 Small Unmanned Aerial Systems Serial Numbers;
- (9) sakemm ma jkunx marbut fiżikament, ikollu sistema diretta għall-identifikazzjoni mill-bogħod li:
- (a) tippermetti li jittella' n-numru tar-reġistrazzjoni tal-operatur tal-UAS f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 u esklussivament skont il-proċess stipulat mis-sistema ta' reġistrazzjoni;
 - (b) tiżgura, f'ħin reali matul id-durata sħiħa tat-titjira, ix-xandira perjodika diretta mill-UA bl-użu ta' protokoll ta' trażmissjoni miftuħ u dokumentat, tad-*data* li ġeja b'mod li jkun jistgħu jiġu riċevuti b'mod dirett minn apparati mobbli fi ħdan il-medda tax-xandir:
 - i in-numru ta' reġistrazzjoni tal-operatur tal-UAS;
 - ii in-numru tas-serje fiżiku uniku tal-UA konformi mal-istandard ANSI/CTA-2063;
 - iii il-pożizzjoni ġeografika tal-UA u l-ġholi tiegħu 'il fuq mis-superfiċe jew fuq il-punt tat-tluġħ;
 - iv il-korsa tar-rota mkejla kif idur l-arloġġ mit-Tramuntana ġeografika u l-veloċità fuq l-art tal-UA; u
 - v il-pożizzjoni ġeografika tal-bdot remot.
 - (c) tiżgura li l-utent ma jistax jimmodifika d-*data* msemmija fil-paragrafu (b) punti ii, iii, iv u v.
- (10) tkun mgħammra b'funzjoni ta' ġeokonsapevolezza li tipprovdi:
- (a) interfaċċa fejn tiġi llowdjata u aġġornata *data* li jkun fiha informazzjoni dwar il-limitazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru b'raba mal-pożizzjoni tal-UA u l-altitudni imposta miż-żoni ġeografiċi, kif definiti mill-artikolu 15 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947, li tiżgura li l-proċess ta' llowdjar jew ta' aġġornar ta' din id-*data* ma jiddegradax l-integrità u l-validità tagħha;
 - (b) avviż ta' twissija għall-bdot mill-bogħod meta jiġi individwat ksur potenzjali tal-limitazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru; u
 - (c) informazzjoni għall-bdot mill-bogħod dwar l-istatus tal-UA kif ukoll avviż ta' twissija meta l-pożizzjonament jew in-navigazzjoni tagħha ma jkunx jistgħu jiżguraw il-funzjonament xieraq tas-sistema ta' ġeokonsapevolezza;
- (11) jekk il-UA jkollha funzjoni li tillimita l-aċċess tagħha għal ċerti żoni jew volumi tal-ispazju tal-ajru, din il-funzjoni għandha topera b'tali mod li tinteraġixxi b'mod mexxej mas-sistema ta' kontroll tat-titjir tal-UA mingħajr ma taffettwa s-sikurezza tat-titjir b'mod avvers; barra minn hekk, għandha tiġi pprovduta informazzjoni ċara lill-bdot mill-bogħod meta l-funzjoni tagħha tipprevjeni lill-UA milli jidħol f'dawn iż-żoni jew dan il-volum tal-ispazju tal-ajru;
- (12) sakemm ma jkunx marbut fiżikament, ikun mgħammar b'link tad-*data* li tkun protetta kontra aċċess mhux awtorizzat għall-funzjonijiet ta' kmand u ta' kontroll;
- (13) tipprovdi lill-bdot mill-bogħod bi twissija ċara meta l-batterija tal-UA jew l-istazzjon ta' kontroll tagħha tilħaq livell baxx b'tali mod li l-bdot mill-bogħod ikollu biżżejjed żmien biex jillandja l-UA b'mod sikur;

- (14) tkun mgħammra b'dawl għall-fini:
- (1) tal-kontrollabbiltà tal-UA;
 - (2) tal-viżibbiltà tal-UA billejl, id-disinn tad-dwal għandu jippermetti biex persuna fuq l-art tkun tista' tiddistingwi UA minn inġenju tal-ajru bl-ekwipaġġ;
- (15) tiġi introdotta fis-suq b'manwal tal-utenti li jipprovdi:
- (a) il-karatteristiċi tal-UA li jinkludu iżda mhumiex limitati għal dawn li ġejjin:
 - il-klassi tal-UA;
 - il-massa tal-UA (b'deskrizzjoni tal-konfigurazzjoni ta' referenza) u l-massa massima tat-tluq (MTOM);
 - il-karatteristiċi ġenerali tat-tagħbijiet utli permessi f'termini ta' dimensjonijiet tal-massa, ta' interfaċċi mal-UA u ta' restrizzjonijiet possibbli oħra;
 - it-tagħmir u s-software għall-kontroll tal-UA mill-bogħod;
 - referenza tal-protokoll tat-trażmissjoni li jintuża għall-emissjoni tal-identifikazzjoni diretta mill-bogħod;
 - il-livell tal-potenza akustika;
 - u deskrezzjoni tal-imġiba tal-UA f'każ ta' telf tal-link tad-data);
 - (b) struzzjonijiet operazzjonali ċari;
 - (c) il-proċedura għat-tluġ tal-limitazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru;
 - (d) struzzjonijiet dwar il-manutenzjoni;
 - (e) il-proċeduri tal-individwazzjoni ta' soluzzjoni
 - (f) limitazzjonijiet operazzjonali (li jinkludu iżda mhumiex limitati għall-kundizzjonijiet meteoroloġiċi u għall-operazzjonijiet binhar/billejl); u
 - (g) deskrezzjoni xierqa tar-riskji kollha relatati mal-operazzjonijiet tal-UAS;
- (16) ikun inkluż avviż ta' informazzjoni ppubblikat mill-EASA li jipprovdi l-limitazzjonijiet u l-obbligi applikabbli skont id-dritt tal-UE.

PARTI 5

Rekwiżiti għal Sistema tal-ajru mingħajr bdot abbord tal-klassi C4

UAS tal-klassi C4 ikollha mwaħħla magħha t-tikketta li ġejja fuq il-UA b'mod viżibbli:



UAS tal-klassi C4 għandha tikkonforma ma' dawn li ġejjin:

- (1) ikollha MTOM ta' anqas minn 25 kg, inkluża t-tagħbija utli;
- (2) tkun kontrollabbli u manuvrabbli b'mod sikur minn bdot mill-bogħod li jsegwi l-istruzzjonijiet tal-manifattur, skont kif ikun hemm b'zonn fil-kundizzjonijiet operazzjonali antiċipati kollha inkluż wara li sseħħ ħsara f'sistema xierqa waħda jew, jekk xieraq, aktar;

- (3) ma jkollhiex modalitajiet ta' kontroll awtomatiku ħlief għall-assistenza ta' stabilizzazzjoni tat-titjir b'ebda effett dirett fuq it-trajettorja u assistenza għal link mitlufa dment li jkun hemm disponibbli pożizzjoni fissa predeterminat tal-kontrolli tat-titjir f'każ ta' link mitlufa;
- (4) tiġi introdotta fis-suq b'manwal tal-utenti li jipprovdi:
- (a) il-karatteristiċi tal-UA li jinkludu iżda mhumiex limitati għal dawn li ġejjin:
 - il-klassi tal-UA
 - il-massa tal-UA (b'deskrizzjoni tal-konfigurazzjoni ta' referenza) u l-massa massima tat-tluq (MTOM);
 - il-karatteristiċi ġenerali tat-tagħbijiet utli permessi f'termini ta' dimensjonijiet tal-massa, ta' interfaċċi mal-UA u ta' restrizzjonijiet possibbli oħra;
 - it-tagħmir u s-software għall-kontroll tal-UA mill-bogħod;
 - u deskrezzjoni tal-imġiba tal-UA f'każ ta' telf tal-link tad-data;
 - (b) struzzjonijiet operazzjonali ċari;
 - (c) struzzjonijiet dwar il-manutenzjoni;
 - (d) il-proċeduri tal-individwazzjoni ta' soluzzjoni;
 - (e) limitazzjonijiet operazzjonali (li jinkludu iżda mhumiex limitati għall-kundizzjonijiet meteoroloġiċi u għall-operazzjonijiet binhar/billejl); u
 - (f) deskrezzjoni xierqa tar-riskji kollha relatati mal-operazzjonijiet tal-UAS;
- (5) ikun inkluż avviż ta' informazzjoni ppubblikat mill-EASA li jipprovdi l-limitazzjonijiet u l-obbligi applikabbli skont id-dritt tal-UE;

PARTI 6

Rekwiżiti għal aċċessorju supplimentari tal-identifikazzjoni mill-bogħod

Aċċessorju supplimentari għall-identifikazzjoni diretta mill-bogħod għandu jikkonforma ma' dawn li ġejjin:

- (1) tippermetti li jittella' n-numru tar-reġistrazzjoni tal-operatur tal-UAS f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 u esklussivament skont il-proċess stipulat mis-sistema ta' reġistrazzjoni;
- (2) ikollu numru tas-serje fiżiku konformi mal-istandard ANSI/CTA-2063 *Small Unmanned Aerial Systems Serial Numbers* imwahaħhal mal-aċċessorju supplimentari u mal-imballaġġ tiegħu jew fil-manwal tal-utenti tiegħu b'mod leġibbli;
- (3) tiżgura, f'ħin reali matul id-durata sħiħa tat-titjira, ix-xandira perġodika diretta mill-UA bl-użu ta' protokoll ta' trażmissjoni miftuħ u dokumentat, tad-data li ġejja b'mod li jkunu jistgħu jiġu riċevuti b'mod dirett minn apparati mobbli fi ħdan il-medda tax-xandir:
 - i in-numru ta' reġistrazzjoni tal-operatur tal-UAS;
 - ii in-numru uniku tas-serje fiżiku tal-aċċessorju supplimentari konformi mal-istandard ANSI/CTA-2063;
 - iii il-pożizzjoni ġeografika tal-UA u l-għoli tiegħu 'il fuq mis-superfiċe jew fuq il-punt tat-tluġ;
 - iv il-korsa tar-rota mkejla kif idur l-arloġġ mit-Tramuntana ġeografika u l-veloċità fuq l-art tal-UA; u
 - v il-pożizzjoni ġeografika tal-bdot remot jew, jekk ma tkunx disponibbli, tal-punt tat-tluġ.
- (4) tiżgura li l-utent ma jistax jimmodifika d-data msemmija fil-paragrafu (3) punti ii, iii, iv u v.
- (5) jitqiegħed fis-suq b'manwal tal-utent li jagħti r-referenza tal-protokoll tat-trażmissjoni li jintuża għall-emissjoni tal-identifikazzjoni diretta mill-bogħol u l-istruzzjoni biex:
 - (a) jiġi installat il-modulu fuq il-UA;
 - (b) jittella' n-numru ta' reġistrazzjoni tal-operatur tal-UAS.

PARTI 7

Modulu A tal-valutazzjoni tal-konformità — Kontroll tal-produzzjoni interna

1. Il-kontroll intern tal-produzzjoni huwa l-proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità, li permezz tagħha l-manifattur jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-punti 2, 3, u 4 ta' din il-Parti, u jassigura, u jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu, li l-prodotti kkonċernati jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Partijiet 1, 5 jew 6 li huma applikabbli għalihom.

2. Dokumentazzjoni teknika

Il-manifattur għandu jiżviluppa d-dokumentazzjoni teknika skont l-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament.

3. Manifattura

Il-manifattur għandu jieħu l-miżuri neċessarji kollha biex il-proċess tal-manifattura u l-monitoraġġ tiegħu jassiguraw li l-prodott manifatturat jikkonforma mad-dokumentazzjoni teknika msemmija fil-punt 2 ta' din il-Parti u mar-rekwiżiti essenzjali stipulati fil-Partijiet 1, 5 jew 6 li japplikaw għalihom.

4. Il-markar CE u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE

- (1) Skont l-Artikoli 15 u 16 ta' dan ir-Regolament, il-manifattur għandu jwaħħal il-markar CE u, meta applikabbli, it-tikketta għall-identifikazzjoni tal-klassi tal-UA, fuq kull prodott individwali li jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fil-Partijiet 1, 5 jew 6 li japplikaw għalihom.
- (2) Il-manifattur għandu jagħmel dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE bil-miktub għal kull mudell ta' prodott u jżommha flimkien mad-dokumentazzjoni teknika, għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali, għal perjodu ta' għaxar snin wara li l-prodott ikun tqiegħed fis-suq. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tidentifika biċ-ċar il-prodott li għalih tkun tfasslet.

Kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità KE għandha tingħata lill-awtoritajiet rilevanti fuq talba.

5. Rappreżentant awtorizzat

L-obbligi tal-manifatturi stabbiliti fil-punt 4 jistgħu jiġu ssodisfati mir-rappreżentant awtorizzat, fismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu, dment li dawn ikunu speċifikati fil-mandat.

PARTI 8

Moduli B u C tal-valutazzjoni tal-konformità — Eżami tat-tip tal-UE u konformità mat-tip fuq il-bażi tal-kontroll intern tal-produzzjoni skont l-Anness II għad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE

Meta ssir referenza għal din il-Parti, il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità għandha ssegwi l-Moduli B (l-eżami tat-tip tal-UE) u C (il-konformità mat-tip ibbażata fuq il-kontroll intern tal-produzzjoni) ta' din il-Parti.

Modulu B**Eżami tat-tip tal-UE**

1. L-eżami tat-tip tal-UE hu dik il-parti minn proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li fiha korp innotifikat jeżamina d-disinn tekniku tal-prodott u jivverifika u jixhed li d-disinn tekniku tal-prodott jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli stipulati fil-Partijiet 1 sa 6.
2. L-eżami tat-tip tal-UE għandu jsir permezz ta' valutazzjoni tal-adegwatezza tad-disinn tekniku tal-prodott permezz tal-eżami tad-dokumentazzjoni teknika u tal-evidenza ta' sostenn imsemmija fil-punt 3, flimkien mal-eżami tal-eżemplari, rappreżentattivi tal-produzzjoni prevista, ta' parti waħda kritika jew aktar tal-prodott (kombinazzjoni tat-tip tal-produzzjoni u tat-tip tad-disinn).
3. Il-manifattur għandu jippreżenta applikazzjoni għall-eżami tat-tip KE lil korp innotifikat wieħed tal-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- (1) l-isem u l-indirizz tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni tiġi ppreżentata mir-rappreżentant awtorizzat, l-isem u l-indirizz tiegħu wkoll;
- (2) dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma saritx ma' xi korp innotifikat ieħor;
- (3) id-dokumentazzjoni teknika. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tippermetti li ssir valutazzjoni tal-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament u għandha tinkludi analiżi u valutazzjoni xierqa tar-riskju jew tar-riskji. Id-dokumentazzjoni teknika għandu jkun fiha l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament, kull fejn applikabbli;
- (4) l-eżemplari rappreżentattivi tal-produzzjoni maħsuba. Il-korp innotifikat jista' jitlob aktar eżemplari jekk ikunu meħtieġa għat-twettiq tal-programm tat-test;
- (5) l-evidenza ta' sostenn tal-adeqwatezza tas-soluzzjoni tad-disinn tekniku. Din l-evidenza ta' sostenn għandha ssemmi kwalunkwe dokument li jkun intuża, b'mod partikolari fejn l-istandards armonizzati u/jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti ma jkunux ġew applikati kompletament jew ma jkunux ġew applikati bis-sħiħ. L-evidenza ta' sostenn għandha tinkludi, fejn ikun hemm bżonn, ir-riżultati tat-testijiet imwettqa f'konformità ma' speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra mil-laboratorju xieraq tal-manifattur jew minn laboratorju tal-ittestjar ieħor f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

4. Il-korp innotifikat għandu:

Għall-prodott:

- (1) jeżamina d-dokumentazzjoni teknika u tal-evidenza ta' sostenn biex jevalwa l-adeqwatezza tad-disinn tekniku tal-prodott.

Għall-eżemplar(i):

- (2) jivverifika li l-eżemplar(i) ġie/ġew immanifatturat(i) f'konformità mad-dokumentazzjoni teknika, u jidentifika l-elementi li tfasslu skont id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-istandards armonizzati rilevanti u/jew tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, kif ukoll l-elementi li tfasslu mingħajr l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawk l-istandards;
- (3) jagħmel l-eżamijiet u t-testijiet xierqa, jew iqabbd lil min jagħmilhom, biex jiċċekkja jekk, fejn il-manifattur ikunx għażel li japplika s-soluzzjonijiet fl-istandards armonizzati rilevanti u/jew fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, dawn ikunux ġew applikati b'mod korrett;
- (4) jagħmel l-eżamijiet u t-testijiet adegwati, jew iqabbd lil min jagħmilhom, biex jikkontrolla jekk, fejn ma ġewx applikati s-soluzzjonijiet fl-istandards armonizzati rilevanti u/jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, is-soluzzjonijiet adottati mill-manifattur jissodisfawx ir-rekwiżiti essenzjali korrispondenti tal-istrument leġiżlattiv;
- (5) jiftiehem mal-manifattur dwar fejn isiru l-eżamijiet u t-testijiet.

5. Il-korp innotifikat għandu jfassal rapport ta' valutazzjoni li jirreġistra l-attivitajiet li jkunu saru skont il-punt 4 u r-riżultati tagħhom. Bla ħsara għall-obbligi tiegħu fil-punt 8, il-korp innotifikat għandu jgħid il-kontenut ta' dan ir-rapport, kollu jew parti minnu, biss bi ftehim mal-manifattur.

6. Meta t-tip jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-korp innotifikat għandu jgħid ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE lill-manifattur. Dan iċ-ċertifikat għandu jinkludi l-isem u l-indirizz tal-manifattur, il-konklużjonijiet tal-eżami, l-aspetti rilevanti tar-rekwiżiti koperti mill-eżami, il-kundizzjonijiet (jekk ikun hemm) għall-validità tiegħu, u d-data neċessarja għall-identifikazzjoni tat-tip approvat. Iċ-ċertifikat jista' jkollu anness wieħed jew aktar mehmuża miegħu.

Iċ-ċertifikat tal-UE u l-annessi tiegħu għandhom jinkludu l-informazzjoni rilevanti kollha biex il-konformità tal-prodotti manifatturati mat-tip eżaminat tkun tista' tiġi vvalutata u biex ikun hemm lok għal kontroll intern.

Fejn it-tip ma jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament, il-korp innotifikat għandu jirrifjuta li jgħid ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE u għandu jinforma b'dan lill-applikant kif xieraq, b'raġunijiet iddettaljati għar-rifjut tiegħu.

7. Il-korp innotifikat għandu jibqa' aġġornat dwar kwalunkwe bidla fl-ogħla livell ta' żvilupp tekniku ġeneralment rikonoxxut li tindika li t-tip approvat jaf ma jibqax jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament, u għandu jiddetermina jekk it-tali bidliet jeħtiġux aktar investigazzjoni. Jekk ikun il-każ, il-korp innotifikat għandu jinforma lill-manifattur dwar dan.

Il-manifattur għandu jinforma lill-korp innotifikat li għandu d-dokumentazzjoni teknika relatata maċ-ċertifikat ta' eżami tat-tip tal-UE, bil-modifikazzjonijiet kollha għat-tip approvat li jistgħu jolqtu l-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti essenzjali ta' dan ir-Regolament jew mal-kundizzjonijiet għall-validità taċ-ċertifikat. Tali modifiki għandhom jirrikjedu approvazzjoni addizzjonali u jiġu mehmuża maċ-ċertifikat oriġinali tal-eżami tat-tip tal-UE.

8. Kull korp innotifikat għandu jinforma lill-awtorità ta' notifika tiegħu dwar iċ-ċertifikati ta' eżami tat-tip tal-UE u/jew kwalunkwe żieda magħhom li jkun ħareġ jew irtira u għandu, b'mod perijodiku jew fuq talba, jaġmel disponibbli għall-awtorità ta' notifika tiegħu l-lista ta' ċertifikati u/jew kull żieda magħhom irrifjutata, sospiża jew inkella ristretta.

Kull korp innotifikat għandu jinforma lill-korpi nnotifikati l-oħra dwar iċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip tal-UE u/jew kwalunkwe żieda magħhom, li jkun irrifjuta, irtira, issospenda jew b'xi mod ieħor illimita u, jekk jintalab jaġmel dan, dwar iċ-ċertifikati u/jew żidiet magħhom li jkun ħareġ.

Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-korpi nnotifikati l-oħra jistgħu, fuq talba, jiksbu kopja taċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip KE u/jew iż-żidiet magħhom. Fuq talba mmotivata, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jiksbu kopja tad-dokumentazzjoni teknika u tar-riżultati tal-eżamijiet li wettaq il-korp innotifikat.

Il-korp innotifikat għandu jżomm kopja taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE, l-annessi u ż-żidiet ta' miegħu, kif ukoll il-fajl tekniku inkluża d-dokumentazzjoni ssottomessa mill-manifattur għal 10 snin wara li l-prodott ikun ġie vvalutat jew sakemm tiskadi l-validità ta' dak iċ-ċertifikat.

9. Il-manifattur għandu jżomm kopja taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE, tal-annessi u taż-żidiet tiegħu, flimkien mad-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin wara li l-prodott ikun ġie introdott fis-suq.
10. Ir-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur jista' jippreżenta l-applikazzjoni msemmija fil-punt 3 u jissodisfa l-obbligi stipulati fil-punti 7 u 9, sakemm dawn ikunu speċifikati fil-mandat.

Modulu C

Konformità mat-tip fuq il-bażi tal-kontroll intern tal-produzzjoni

1. Il-konformità mat-tip fuq il-bażi tal-kontroll intern tal-produzzjoni hi l-parti mill-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li biha l-manifattur jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-punti 2 u 3, u jiżgura u jiddikjara li l-prodotti kkonċernati jkunu f'konformità mat-tip deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE u jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament.

2. Manifattura

Il-manifattur għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex il-proċess tal-manifattura u l-monitoraġġ tiegħu jassiguraw il-konformità tal-prodott immanifatturat mat-tip approvat, kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE, u mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fil-Partijiet 1 sa 6.

3. Il-markar CE u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE

(1) Il-manifattur għandu jwaha il-markar CE u, meta rilevanti, it-tikketta għall-identifikazzjoni tal-klassi tal-UA skont l-Artikoli 15 u 16 ta' dan ir-Regolament fuq kull prodott li jkun konformi mat-tip deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE u jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fil-Partijiet 1 sa 6.

(2) Il-manifattur għandu jaġmel dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE bil-miktub għal kull tip ta' prodott u jżommha għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali, għal perjodu ta' 10 snin wara li l-prodott ikun tqiegħed fis-suq. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tidentifika biċ-ċar it-tip ta' prodott li għalih tkun tffaslet.

Kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità KE għandha tingħata lill-awtoritajiet rilevanti fuq talba.

4. Rappreżentant awtorizzat

L-obbligi tal-manifatturi stabbiliti fil-punt 3 jistgħu jiġu ssodisfati mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu, dment li dawn ikunu speċifikati fil-mandat.

PARTI 9

Modulu H tal-valutazzjoni tal-konformità — Konformità bbażata fuq garanzija sħiħa tal-kwalità skont l-Anness II għad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE

1. Il-konformità bbażata fuq assigurazzjoni sħiħa ta' kwalità hija l-proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità, li permezz tagħha l-manifattur jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-punti 2 u 5, u jassigura, u jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu, li l-prodott ikkonċernat jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fil-Partijiet 1 sa 6.
2. Manifattura

Il-manifattur għandu jħaddem sistema ta' kwalità approvata għad-disinn, il-manifattura, l-ispezzjoni finali u l-ittestjar tal-prodott ikkonċernat kif speċifikat fil-punt 3 u għandu jkun suġġett għas-sorveljanza fil-punt 4.

3. Is-sistema tal-kwalità

- (1) Il-manifattur għandu jippreżenta applikazzjoni għall-valutazzjoni tas-sistema tal-kwalità tiegħu lill-korp innotifikat tal-għażla tiegħu għall-prodott ikkonċernat.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

- (a) l-isem u l-indirizz tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni tiġi ppreżentata mir-rappreżentant awtorizzat, l-isem u l-indirizz tiegħu wkoll;
- (b) id-dokumentazzjoni teknika għal kull tip ta' prodott maħsub biex jiġi mmanifatturat, li jkun fiha l-elementi stabbiliti fil-Parti 10 fejn applikabbli;
- (c) id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-kwalità;
- (d) dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara l-istess applikazzjoni ma saritx ma' xi korp innotifikat ieħor.

- (2) Is-sistema tal-kwalità għandha tiżgura konformità tal-prodott mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

L-elementi, ir-rekwiżiti u d-dispożizzjonijiet kollha adottati mill-manifattur għandhom jiġu ddokumentati b'mod sistematiku u ordnat fil-forma ta' dikjarazzjonijiet ta' politika, proċeduri u struzzjonijiet bil-miktub. Din id-dokumentazzjoni ta' sistema tal-kwalità għandha tippermetti interpretazzjoni konsistenti tal-programmi, tal-pjanijiet, tal-manwali u tar-rekords tal-kwalità.

Id-dokumentazzjoni għandha tinkludi, b'mod partikolari, deskrizzjoni adegwata ta':

- (a) l-oġġettivi ta' kwalità kif ukoll l-istruttura organizzazzjonali, ir-responsabbiltajiet u s-setgħat tal-maniġment fir-rigward tat-tfassil u tal-kwalità tal-prodott;
- (b) l-ispeċifikazzjonijiet tad-disinn tekniku, inklużi l-istandards, li se jiġu applikati, u fejn l-istandards armonizzati rilevanti mhux se jkunu applikati kompletament, il-mezzi li se jintużaw biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament huma sodisfatti;
- (c) it-tekniki ta' kontroll tad-disinn u ta' verifika tad-disinn, il-proċessi u l-azzjonijiet sistematiki li ser jintużaw meta jiġu mfassla l-prodotti li jappartjenu lit-tip ta' prodotti kopert;
- (d) il-manifattura korrispondenti, it-tekniki ta' kontroll tal-kwalità u tal-garanzija tal-kwalità, il-proċessi u l-azzjonijiet sistematiki li jkunu se jintużaw;
- (e) l-eżamijiet u t-testijiet li għandhom jittieħdu qabel, matul u wara l-manifattura, u l-frekwenza li biha se jsiru;
- (f) ir-reġistri ta' kwalità, bħal rapporti ta' spezzjoni u informazzjoni mit-testijiet, informazzjoni mill-proċedura ta' kalibrar, rapporti rigward il-kwalifiċi jew approvazzjonijiet tal-persuni kkonċernati, eċċ.;
- (g) il-mezzi li bihom jiġu ssorveljati t-tweqqi tad-disinn meħtieġ u l-kwalità tal-prodott kif ukoll il-funzjonament effettiv tas-sistema tal-kwalità.

- (3) Il-korp innotifikat għandu jivvaluta s-sistema tal-kwalità biex jiddetermina jekk tissodisfax ir-rekwiżiti msemmija fil-punt 3(2).

Hu għandu jippreżumi l-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti fir-rigward tal-elementi tas-sistema ta' kwalità li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti tal-istandard armonizzat rilevanti.

Minbarra esperjenza fis-sistemi ta' ġestjoni tal-kwalità, il-grupp tal-verifika għandu jkollu mill-anqas membru wieħed b'esperjenza ta' assessur fil-qasam tal-prodott rilevanti u t-teknoloġija rilevanti tal-prodott konċernat, u l-għarfien tar-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament. L-awditu għandu jinkludi żjara ta' valutazzjoni fil-post tal-manifattur. It-tim tal-awditjar għandu jeżamina d-dokumentazzjoni teknika msemmija fil-punt 3(1)(b) biex jivverifika l-abbiltà tal-manifattur li jidentifika r-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament u biex jagħmel l-eżamijiet neċessarji sabiex jiżgura l-konformità tal-prodott ma' dawn ir-rekwiżiti.

Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jiġi nnotifikat bid-deċiżjoni.

In-notifika għandha tinkludi l-konklużjonijiet tal-awditu u d-deċiżjoni motivata tal-valutazzjoni.

- (4) Il-manifattur għandu jimpenja ruħu li jwettaq l-obbligi li jkunu ġejjin mis-sistema ta' kwalità kif approvata u li jżommha sabiex tibqa' adegwata u effiċjenti.

Il-manifattur għandu jżomm il-korp innotifikat li approva s-sistema ta' kwalità informat b'kull bidla intiża fis-sistema tal-kwalità.

- (5) Il-korp innotifikat għandu jevalwa kwalunkwe bidla proposta u għandu jiddeċiedi jekk is-sistema tal-kwalità modifikata hijiex sejra tkompli tissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-punt 3(2) jew jekk hemmx bżonn ta' valutazzjoni ġdida.

Il-korp innotifikat għandu jinnotifika lill-manifattur bid-deċiżjoni tiegħu. In-notifika għandu jkun fiha l-konklużjonijiet tal-eżami u d-deċiżjoni motivata tal-valutazzjoni.

4. Sorveljanza taħt ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat

- (1) L-iskop tas-sorveljanza huwa li jiġi żgurat li l-manifattur jaqdi kif xieraq l-obbligi li joħroġu mis-sistema approvata tal-kwalità.

- (2) Għall-finijiet ta' valutazzjoni, il-manifattur għandu jippermetti aċċess lill-korp innotifikat għas-siti ta' disinn, manifattura, ispezzjoni, ittestjar u ħażna u jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa, b'mod partikolari:

(a) id-dokumentazzjoni tas-sistema tal-kwalità;

(b) ir-rekords tal-kwalità kif previsti mill-parti tad-disinn tas-sistema tal-kwalità, bħar-riżultati ta' analiżijiet, kalkoli, testijiet eċċ.;

(c) ir-reġistri tal-kwalità kif stipulati fil-parti tal-manifattura tas-sistema tal-kwalità, bħalma huma r-rapporti tal-ispezzjonijiet, l-informazzjoni dwar il-kalibrazzjoni, ir-rapporti dwar il-kwalifiki tal-persunal, eċċ.

- (3) Il-korp innotifikat għandu jwettaq awditi perjodiċi sabiex jiżgura li l-manifattur iżomm u japplika s-sistema tal-kwalità u għandu jipprovdi lill-manifattur b'rapport tal-awditjar.

- (4) Barra minn hekk il-korp innotifikat jista' jagħmel żjarat għall-għarrieda lill-manifattur. Matul tali żjarat, il-korp innotifikat jista', fejn ikun meħtieġ, iwettaq jew iqabblad lil xi ħadd jagħmillu testijiet fuq il-UA jew il-UAS, sabiex jivverifika li s-sistema tal-kwalità tkun qiegħda taħdem tajjeb. Dan għandu jipprovdi lill-manifattur b'rapport taż-żjara u, jekk saru xi testijiet, b'rapport tat-test.

5. Il-markar CE u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE

- (1) Il-manifattur għandu jwajjhal il-markar CE u, fejn rilevanti, it-tikketta għall-identifikazzjoni tal-klassi tal-UAS skont l-Artikoli 15 u 16 ta' dan ir-Regolament u, bir-responsabbiltà tal-korp innotifikat msemmi fil-punt 3(1) ta' din il-Parti, in-numru ta' identifikazzjoni ta' dan tal-aħħar ma' kull prodott individwali li jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament.

- (2) Il-manifattur għandu jagħmel dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE bil-miktub għal kull tip ta' prodott u jżommha għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali, għal perjodu ta' 10 snin wara li l-prodott ikun tqiegħed fis-suq. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tidentifika it-tip ta' prodott li għalih tkun tfasslet.

Kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità KE għandha tingħata lill-awtoritajiet rilevanti fuq talba.

6. Għal perjodu li jintemm 10 snin wara li l-prodott ikun ġie introdott fis-suq, il-manifattur għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali:
 - (1) id-dokumentazzjoni teknika msemmija fil-punt 3(1);
 - (2) id-dokumentazzjoni dwar is-sistema tal-kwalità msemmija fil-punt 3(1);
 - (3) it-tibdil imsemmi fil-punt 3(5), kif approvat;
 - (4) id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp innotifikat li jissemew fil-punti 3(5), 4(3) u 4(4).
7. Kull korp innotifikat għandu jinforma lill-awtorità ta' notifika tiegħu dwar l-approvazzjonijiet tas-sistema ta' kwalità maħruġa jew irtirati u għandu, jipprovi perġodikament jew wara li ssir talba, lill-awtorità ta' notifika tiegħu bil-lista tal-approvazzjonijiet tas-sistema ta' kwalità rrifjutati, sospiżi jew b'xi mod ieħor limitati minnu.

Kull korp innotifikat għandu jinforma lill-korpi nnotifikati l-oħrajn dwar l-approvazzjonijiet tas-sistema tal-kwalità li jkun irrifjuta, issospenda jew irtira, u, fuq talba, dwar l-approvazzjonijiet tas-sistema tal-kwalità li jkun ħareġ.
8. Rappreżentant awtorizzat

L-obbligi tal-manifatturi stabbiliti fil-punti 3(1), 3(5), 5 u 6 jistgħu jiġu ssodisfati mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu, dment li dawn ikunu speċifikati fil-mandat.

PARTI 10

Kontenut tad-dokumentazzjoni teknika

Il-manifattur għandu jstabbilixxi d-dokumentazzjoni teknika. Id-dokumentazzjoni għandha tippermetti li tiġi vvalutata l-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti applikabbli.

Kull fejn applikabbli, id-dokumentazzjoni teknika għandu jkun fiha tal-anqas l-elementi li ġejjin.:

1. deskrizzjoni sħiħa tal-prodott li tinkludi:
 - (a) ritratti jew tpinġijiet li juru l-karatteristiċi esterni, il-markar u t-tifsila interna tiegħu;
 - (b) il-verżjonijiet ta' kwalunkwe software jew firmware involut fil-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament;
 - (c) il-manwal tal-utenti u l-istruzzjonijiet dwar l-installazzjoni;
2. id-disinn kunċettwali u disinni tal-manifattura u skemi tal-komponenti, sottomontaturi, ċirkuwiti, u elementi simili rilevanti oħra;
3. deskrizzjonijiet u spjegazzjonijiet neċessarji biex wieħed jifhem id-disinji u l-iskemi msemmija u kif jaħdem il-prodott;
4. elenku tal-istandards armonizzati applikati b'mod sħiħ jew parzjali, li r-referenzi tagħhom ġew pubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u, fejn daww l-istandards armonizzati ma ġewx applikati, deskrizzjonijiet tas-soluzzjonijiet adottati biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 4, inkluża lista ta' speċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti oħra applikati. F'każ ta' standards armonizzati li jkunu ġew applikati parzjalment, id-dokumentazzjoni teknika għandha tispeċifika f'liema partijiet ġew applikati;
5. kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE;
6. meta jkun ġie applikat il-modulu tal-valutazzjoni tal-konformità fil-Parti 8, kopja taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE u l-annessi tiegħu kif imwassla mill-korp innotifikat involut;
7. ir-riżultati tal-kalkoli tad-disinn li jkunu saru, l-eżamijiet li twettqu, u elementi simili rilevanti oħra;
8. rapporti tat-testijiet;
9. kopji tad-dokumenti li l-manifattur ikun ta lill-korp innotifikat, jekk kien hemm xi wieħed involut;

10. L-evidenza ta' sostenn tal-adegwatezza tas-soluzzjoni tad-disinn tekniku. Din l-evidenza ta' appoġġ għandha ssemmi kwalunkwe dokument li jkun intuża, b'mod partikolari fejn l-istandards armonizzati u/jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti ma jkunux ġew applikati kompletament. L-evidenza ta' appoġġ għandha tinkludi, fejn neċessarju, ir-riżultati tat-testijiet imwettqa mil-laboratorju xieraq tal-manifattur, jew minn laboratorju ieħor tal-ittestjar f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu;
11. L-indirizzi tal-postijiet tal-manifattura u tal-ħżin.

PARTI 11

Dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE

1. Il-prodott (it-tip, il-lott jew in-numru tas-serje).
2. L-isem u l-indirizz tal-manifattur jew tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu.
3. Din id-dikjarazzjoni ta' konformità hi maħruġa taħt ir-responsabbiltà unika tal-manifattur.
4. Oġġett tad-dikjarazzjoni [identifikazzjoni tal-prodott li tippermetti t-traċċabilità; tista' tinkludi stampa bil-kulur b'rizzoluzzjoni suffiċjenti fejn ikun hemm bżonn għall-identifikazzjoni tal-prodotti].
5. L-oġġett tad-dikjarazzjoni deskritta hawn fuq hu tal-klassi ... [inkludi għall-UAS in-numru tal-klassi kif definit mill-Partijiet 1 sa 5 ta' dan l-anness].
6. Il-livell tal-potenza akustika garantita għal dan it-tagħmir tal-UAS hu dB(A) [għal UAS mingħajr ġwienaħ fissi tal-klassijiet 1 sa 3 biss]
7. L-għan tad-dikjarazzjoni deskritta hawn fuq huwa konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti dwar l-armonizzazzjoni:
 - [inklużi r-referenza għal dan ir-Regolament u l-Anness rilevanti għall-klassi tal-prodott];
 - jew leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni meta tkun applikabbli.
8. Referenzi għall-istandards armonizzati rilevanti użati jew referenzi għal speċifikazzjonijiet tekniċi oħrajn li b'rabta magħhom hi ddikjarata l-konformità. Ir-referenzi jridu jkunu elenkati bin-numru ta' identifikazzjoni u bil-verżjoni tagħhom, u, fejn applikabbli, bid-data tal-ħruġ.
9. Meta applikabbli, il-korp innotifikat ... [l-isem, in-numru] ... wettaq... [deskrizzjoni tal-intervent] ... u ħareġ iċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE.
10. Fejn applikabbli, deskrizzjoni tal-aċċessorji u tal-komponenti, inkluż is-software, li jippermettu lill-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord jew lis-sistema tal-ajru mingħajr bdot abbord joperaw kif intenzjonati u koperti mid-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE.

11. Informazzjoni addizzjonali:

Iffirmata għal u f'isem: ...

[post u data tal-ħruġ]:

[isem, kariga] [firma]:

PARTI 12

Dikjarazzjoni ssimplifikata ta' konformità tal-UE

Id-dikjarazzjoni ssimplifikata tal-konformità tal-UE msemmija fl-Artikolu 14(3) għandha tiġi prevista kif ġej:

- [Isem il-manifattur] bil-preżenti jiddikjara/tiddikjara li l-UAS [identifikazzjoni tal-UAS: tip jew numru tas-serje] hi tal-klassi ... [inkludi n-numru tal-klassi tal-prodott kif definit fil-Partijiet 1 sa 5 ta' dan l-anness] u għandha livell tal-potenza akustika garantita ta' dB(A) [għal UAS mingħajr ġwienaħ fissi tal-klassijiet 1 sa 3 biss]
- u konformi mar-Regolamenti ... [elenka r-Regolamenti kollha li l-prodott jikkonforma magħhom].
- Id-dikjarazzjoni sħiħa tal-konformità tal-UE hi aċċessibbli fuq is-sit web li ġej: [indirizz tas-sit web]

PARTI 13

Kodiċi tat-test tal-istorbju

Din il-Parti tistabbilixxi l-metodi ta' kejl tal-istorbju fl-ajru li għandhom jintużaw għad-determinazzjoni tal-livelli tal-potenza akustika ponderati-A tal-klassijiet 1, 2 u 3 tal-UA.

Tistabbilixxi l-istandard bażiku tal-emissjonijiet ta' storbju u l-kodiċi tat-test dettaljat għall-kejl tal-livell tal-pressjoni tal-ħoss fuq superfiċi tal-kejl li tiksi s-sors u għall-kalkolu tal-livell tal-potenza akustika prodott mis-sors.

1. STANDARD BAŻIKU TAL-EMISSJONIJIET TA' STORBJU

Għad-determinazzjoni tal-livell tal-potenza akustika LWA ponderat-A tal-UA, se jintużaw l-istandards bażiċi tal-emissjonijiet ta' storbju EN ISO 3744:2010 soġġetti għas-supplimenti li ġejjin:

2. IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-INSTALLAZZJONI U TAL-IMMUNTAR*Żona tal-ittestjar:*

L-UA se tkun qed iżżomm fl-arja fuq pjan riflessiv (akustikament iebs) wieħed. L-UA għandha tkun tinsab f'distanza suffiċjenti minn kwalunkwe ħajt jew saqaf riflessiv jew kwalunkwe oġġett riflessiv biex ir-rekwiżiti mogħtija fl-Anness A tal-EN ISO 3744:2010 ikunu ssodisfati fis-superfiċje tal-kejl.

L-immuntar tas-sors tal-istorbju:

L-UA għandu jkun qiegħed iżomm fl-arja 0,5 m 'il fuq mill-pjan riflessiv. Il-konfigurazzjoni tal-UA (skrejjen, aċċessorji, issettjar) tkun il-konfigurazzjoni tal-UA kif imqiegħda fis-suq.

Is-superfiċje tal-kejl tal-ħoss u l-arranġament tal-mikrofoni:

L-UA tkun magħluqa għalkollox f'superfiċje emisferika tal-kejl bħall-par § 7.2.3 tal-EN ISO 3744:2010.

In-numru u l-pożizzjoni tal-mikrofoni huma definiti mill-Anness F tal-EN ISO 3744:2010.

Is-superfiċje tal-kejl għandu jkollha l-oriġini tagħha fil-punt O li jinsab fil-pjan tal-art direttament taħt il-UA.

3. IL-KUNDIZZJONIJIET OPERAZZJONALI MATUL IT-TEST

It-testijiet tal-istorbju għandhom isiru bl-UA mtajjar f'pożizzjoni stabbli, lateralment u vertikalment, 0,5 m 'il fuq mill-oriġini tal-emisfera tal-kejl (punt O) taħt MTOM, u bil-batterija tal-UA ċċarġjata għalkollox.

Jekk l-UA jitqiegħed fis-suq b'aċċessorji li jistgħu jitqabbd u miegħu, jista' jiġi ttestjat b'dawn l-aċċessorji u mingħajr f'kull konfigurazzjoni possibbli tal-UA.

4. KALKOLU TAL-LIVELL TA' PRESSJONI AKUSTIKA TAS-SUPERFIĊJE SKONT IL-MEDJA TAL-ĦIN

Il-livell ta' pressjoni akustika tas-superfiċje skont il-ħin ponderat-A għandu jiġi determinat tal-anqas tliet darbiet għal kull konfigurazzjoni tal-UA. Jekk tal-anqas tnejn mill-valuri ddeterminati ma jvarjawx b'aktar minn 1 dB, ma jkunx hemm bżonn li jsiru kejl oħra; inkella l-kejl għandhom jitkomplew sakemm jinkisbu żewġ valuri li ma jvarjawx b'aktar minn 1 dB. Il-livell ta' pressjoni akustika tas-superfiċje skont il-medja tal-ħin li għandu jintuża għall-kalkolu tal-livell tal-potenza akustika ta' konfigurazzjoni tal-UA hu l-medja aritmetika tal-ogħla żewġ valuri li ma jvarjawx b'aktar minn 1 dB.

5. INFORMAZZJONI LI GħANDHA TIĠI RRAPPORATA


Ir-rapport għandu jkun fih id-data teknika neċessarja biex jiġi identifikat is-sors ittestjat kif ukoll il-kodiċi tat-test tal-istorbju u d-data akustika.

Il-valur tal-livell tal-potenza akustika ponderat-A li għandu jiġi rapportat hu l-ogħla valur tal-konfigurazzjonijiet differenti tal-UA ttestjati arrotondat għall-eqreb numru sħiħ (anqas minn 0,5 uża l-iżgħar numru; 0,5 jew akbar uża l-akbar numru).

PARTI 14

Indikazzjoni tal-livell tal-potenza akustika garantit

L-indikazzjoni tal-livell tal-potenza akustika garantita trid tikkonsisti fin-numru uniku tal-potenza akustika garantita f'dB, fis-sinjal L_{WA} u f'pittogramma li tiegħu l-forma li ġejja:



Jekk l-indikazzjoni titnaqqas skont id-daqs tat-tagħmir, iridu jkunu rrispettati l-proporzjonijiet mogħtija fit-tpinġija ta' hawn fuq. Madankollu, id-dimensjoni vertikali tal-indikazzjoni m'għandhiex tkun ta' anqas minn 20 mm jekk possibbli.

PARTI 15

Il-livell massimu tal-potenza akustika għal kull Klassi tal-UA (inklużi l-perjodi tranżizzjonali)

Klassi tal-UA	MTOM m fi grammi	Livell massimu tal-potenza akustika LWA f'dB		
		mid-dħul fis-seħħ	minn sentejn (2) wara d-dħul fis-seħħ	minn erba' (4) snin wara d-dħul fis-seħħ
C1	$250 \leq m < 900$	85	83	81
C2	$900 \leq m < 4\ 000$	$85 + 18,5 \lg \frac{m}{900}$	$83 + 18,5 \lg \frac{m}{900}$	$81 + 18,5 \lg \frac{m}{900}$

Fejn "lg" hi l-logaritmu bażi 10.